
MALTA FOOTBALL ASSOCIATION 6


TAZZA TAD-DINJA 2018 16


SNOOKER 38

Nru. 114 **Settembru 2016**

# SPORTIV





**Premier**
Tliet timijiet b'punti massimi wara t-tielet ġurnata **22**

**Gozo Sports**
Nofs Maratona ta' Għawdex: Jirbaħ Steve Chetcuti **40**

**Storja Football Malti**
Rekord minn Floriana **44**

**Kompetizzjoni**
**Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport**

TOYOTA

ALWAYS A BETTER WAY

AWESOME

AYGO




Starting from €9,695

For more information contact:

**Michael Debono Limited**
Mdina Road, Żebbuġ
Tel: 2269 4000
sales@toyota.com.mt
www.toyota.com.mt

**Toyota Gozo Showroom**
Mġarr Road,
Xewkija XWK 9015 - Gozo
Tel: 2156 1122 / 2156 1117
ggs@toyota.com.mt

Toyota Malta

5 year WARRANTY

DEBONO FINANCE
ONLY 5.5%
VARIABLE RATE OVER 6 YEARS

acim | ASSOCIATION OF CAR IMPORTERS MALTA
Here Today. Here Tomorrow

choose environment. choose new
www.acim.org.mt

# Settembru 2016



**Jesmond Moore**
*Editur*

L-attrazzjoni prinċipali matul dan ix-xahar kienet, bla dubju, it-Tiġrija tal-Vitorja li ntrebħet mill-Marsa għat-tielet sena konsekuttiva, bid-distrett ta' Bormla jirbaħ Kategorija B.

Matul dan ix-xahar ingħata bidu wkoll għall-kampjonati inferjuri filwaqt li l-BOV Premier League qed jimmatura ġmielu hekk kif sakemm qed toħroġ din il-pubblikazzjoni tkun intlagħbet il-ħames ġurnata fejn il-klassifika qed tiffurmalizza lilha nnifisha, kemm fin-naħa ta' fuq kif ukoll fin-naħa t'isfel ... bit-tliet timijiet ta' Birkirkara, Valleta u Balzan, qed jokkupuw in-naħa ta' fuq.

Prosit kbira tmur għall-MFA wara li ġie nstallat il-pitch il-ġdid fl-Istadium Nazzjonali wara 35 sena, fejn ġie inawgurat fil-logħba kontra Skozja, valida mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2018.

F'din il-partita ħriġna telliefa bl-iskor ta' 5-1 iżda r-rżultat huwa wieħed giddieb minħabba li kienu deċiżjonijiet żbaljati tat-terna arbitrali li kkundizzjonaw din il-logħba.




**irbaħ €25 voucher ma'**

**TeamSporT®**

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ l-Aggregate Shield tat-Tiġrija tal-Vitorja**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Settembru, 2016:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41,**
**Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 113 hija:*
**F'Rio de Janeiro**

*Ir-rebbieħa hija: K. Gatt (Raħal Ġdid)*




i

Click

inewsmalta.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA




**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.

# 114

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Mario Mercieca
Ryan Bezzina
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg

**Cover**
Qaddiefa, diriġenti u partitarji ta' Marsa jiċċelebraw is-suċċess tagħhom tar-rebħ tal-Aggregate Shield tar-Regatta Nazzjonali

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**







# Werrej

**6 MFA**
Il-UEFA għandha president ġdid

**16 Malta vs Scotland**
Jispikkaw id-deċiżjonijiet kontroversjali tar-referee Ukren

**18 Partita ta' ħbiberija**
Draw mistħoqq għal Malta kontra l-Estonja

**20 Kampjonat Ewropew U/21**
Goal fl-aħħar ħinijiet iċaħħad lill-Maltin minn draw prestiġjuż

**22 Kampjonat Premier**
Tliet timijiet b'punti massimi wara t-tielet ġurnata

**26 Posters**
Valletta, Birkirkara, Balzan u Hibernians

**30 Youth FA**
Annual Presentation Night

**34 Regatta Nazzjonali**
Marsa jirbħu l-Aggregate Shield għat-tielet darba nfila

**36 Motorsport**
Sewwieqa Maltin jikkompetu b'suċċess fil-hillclimb f'Ragusa

**38 Snooker & Pool**
Riżultati sodisfaċenti fil-Kampjonat tas-snooker tat-timijiet u tas-6 Red

**40 Gozo Sports**
Steve Chetcuti jirbaħ il-41 Edizzjoni

**42 Meusac**
Negħlbu l-Ostakli bl-Isport

**44 Storja tal-Football Malti**
Rekord minn Floriana bir-rebħ tal-Kampjonat b'punti massimi

**46 Kriss Kross/ Spotball**
Irbaħ ma' EuroSport u ma' Fitness Studio

**mfa.com.mt**

# Elett president ġdid tal-UEFA

Il-president tal-assoċjazzjoni tal-futbol tas-Slovenja, Aleksander Ceferin, ġie elett bħala l-kap tal-għaqda li tmexxi l-football fl-Ewropa, il-UEFA.




Ceferin, 48 sena, ħa post il-Franċiż, Michel Platini, billi għeleb b'mod komdu lill-Olandiż b'iktar esperjenza bħala amministratur tal-futbol, Michael van Praag, bi 42 vot kontra 13.

"Il-pajjiż żgħir u sabiħ tas-Slovenja huwa kburi li jien ġejt elett u nittama li xi darba inthom ukoll tkunu kburin ħafna dwar dan," qal Ceferin lil dawk kollha preżenti waqt il-Kungress Straordinarju tal-UEFA li sar fil-Greċja, wara t-tħabbira tar-riżultat. Preżenti fil-Greċja kien hemm ukoll il-president tal-FIFA, Gianni Infantino, li sa ftit żmien ilu kien is-segretarju ġenerali tal-UEFA. Postu wara t-tluq tiegħu ħadu l-Grieg, Theodore Theodoridis.

Intant Ceferin qal li l-ewwel impenn li għandu huwa li jaħdem fuq id-diżgwid kbir tal-bidliet kontroversjali fiċ-Champions League miftehma bejn il-UEFA u l-European Club Asssociation li għandha 220 membru mill-55 assoċjazzjoni, favur il-klabbs il-kbar.

Il-UEFA żiedet in-numru ta' postijiet allokati lill-klabbs minn Spanja, l-Ingilterra, il-Ġermanja u l-Italja, fl-istadju tal-gruppi bi profitti kbar u naqqset il-postijiet tal-pajjiżi ż-żgħar. Dan it-tibdil seħħ fost theddid mill-klabbs il-kbar li jistgħu jiffurmaw Super League għalihom.

"Jekk irridx jien jew le, ikolli niffaċċjaha u din se tkun l-ewwel ħaġa li se nittakilja," qal lill-ġurnalisti.

"Il-UEFA hija organizzazzjoni kbira u b'saħħitha ħafna, li għal xi żmien kienet mingħajr tmexxija u naħseb li kienet problema li ġiet ittrattata mhux bl-aħjar mod."

"Irridu nuru li aħna ninsabu magħqudin f'federazzjoni waħda komposta minn 55 assoċjazzjonijiet nazzjonali, u fl-istess ħin irid ikollna djalogu mal-klabbs u l-assoċjazzjonijiet nazzjonali għalhekk naħseb li s-sitwazjoni tista' tiġi solvuta."

Ceferin ġie elett president tal-FA Slovena fl-2011 iżda ma kienx magħruf internazzjonalment sakemm ħabbar li kellu l-ħsieb li joħorġ għall-elezzjoni, f'Ġunju li għadda.

Iż-żewġ kandidati kkampanjaw biex jgħinu lill-assoċjazzjonijiet medji u ż-żgħar tal-UEFA u qalu li huwa neċessarju li tingħalaq id-differenza bejn il-kbar u ż-żgħar għalkemm Van Praag kien iktar miftuħ fl-indirizz ta' qabel l-elezzjoni.

"Niggarantilkom li mhux se nħalli lill-klabbs il-kbar jagħmluli arma ma' rasi. Għal ħafna snin, in-negozji ta' miljuni ta' liri kienu ristretti għall-klabbs il-kbar biss, iżda nemmen li l-futbol fl-ogħla livell intlagħab minn ftit klabbs biss fi ftit kompetizzjonijiet."

Wara r-riżultat Van Praag qal: "Alex u jien kellna l-istess għan, araw il-programmi tagħna. Huwa ried jagħmlu bil-mod tiegħu u jien il-mod tiegħi u llum tkellmet id-demokrazija."

Sadanittant, il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, li flimkien mas-segretarju ġenerali, Bjorn Vassallo, irrappreżentaw lil Malta waqt dan il-Kungress tal-UEFA, wera s-sodisfazzjon tiegħu li Ceferin ġie elett biex imexxi din il-federazzjoni għat-tliet snin li ġejjin. Flimkien mal-president u s-segretarju ġenerali attenda wkoll il-viċi-president, Dr Chris Bonett.

"Minkejja li ż-żewġ kandidati ppreżentaw programm interessanti, il-maġġoranza assoluta waqt il-Kungress tal-UEFA, inkluża Malta, ivvotat għal Ceferin li wiegħed kapitlu ġdid fl-istorja tal-UEFA. Huwa se jkompli jibni fuq din il-pjattaforma wiesa' li tagħmel il-konfederazzjoni tagħna bħala l-aktar b'saħħitha fi ħdan il-FIFA," temm jgħid il-president tal-MFA.



# Jirritorna l-futbol fl-istadium Nazzjonali

Matul is-sajf li għadu kif intemm, l-MFA ħadmet fuq proġett ieħor kbir f'dak li għandu x'jaqsam ma' infrastruttura meta proprju inawgurat il-pitch tal-Istadium Nazzjonali hekk kif l-ewwel partita li ntlagħbet fuqu kienet dik valida mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja, 2018, kontra l-Iskozja.

Dan il-pitch, li nbidel wara 35 sena, huwa ta' livell mondjali hekk kif huwa mgħammar bl-aħħar avvanzi fir-rigward ta' terran u teknoloġija li jagħmlu l-istadium iktar kompatibbli għal-logħob.

Minn dawn l-avvanzi se jkunu qed igawdu l-klabbs lokali, li dejjem kienu l-prerogattiva ewlenija tal-MFA kif spjega is-segretarju ġenerali, Bjorn Vassallo, waqt konferenza stampa li saret fis-sala tal-konferenzi tal-Istadium Nazzjonali.

Kien proprju waqt din l-istess konferenza stampa li tħabbar li l-kumpanija SIS Grass, li tirrappreżenta l-aktar sistema ta' turf naturali avvanzat li jeżisti fil-preżent, kienet ġiet installata b'suċċess fl-istess Istadium Nazzjonali.

Żviluppata minn SIS Pitches, kumpanija ewlenija fid-disinn, il-manifattura, il-kostruzzjoni, l-installazzjoni u l-manteniment tal-pitches li fuqhom jintlagħab l-isport madwar id-dinja, bi 15-il sena esperjenza, jaħdmu mal-ikbar ismijiet fl-isport ... SIS Grass tirrappreżenta l-aħħar innovazzjoni għall-Istadium Nazzjonali.

Tajjeb wieħed jirrimarka li din is-sistema ttrijonfat fl-edizzjoni ta' din is-sena tal-unuri marbuta mat-Teknoloġija fl-Isport, fil-kategorija tal-aħjar użu ta' teknoloġija minn klabbs sportivi jew ditti partikolari.

Rimarkabbli huwa l-fatt li l-logħbiet mit-Tazza tad-Dinja, 2018, fir-Russja, li se jkunu qed jintlagħbu fil-Luzhniki Stadium u se jintlagħbu fuq pitch imsejjaħ hybrid se jkun qed jinkludi wkoll sistema ta' 'under-soil heating' u sistema teknoloġika ta' ventilazzjoni. Dan l-istadium se jkun qed jospita logħbiet mill-fażi tal-gruppi, is-semi-finali kif ukoll il-finali tat- Tazza tad-Dinja.

It-teknoloġija SIS Grass hija magħrufa madwar id-dinja kollha u kienet il-moħħ biex jiġu installati pitches tal-ogħla livell madwar l-Ewropa kollha.

Fost dawn insibu dak ta' Derby County fl-Ingilterra li ngħata l-isem ta' iPro Stadium, l-Istadium ta' Besiktas fit-Turkija - il-Vodafone Arena, l-Istadium ta' Olympiacos fil-Greċja - il-Georgios Karaiskakis Stadium u Sammy Ofer Stadium, fl-Iżrael.

Barra minn hekk, ġew installati pitches ġodda fit-training grounds ta' St George's Park, kif ukoll tal-klabbs Ingliżi, Chelsea, Derby County u Hull City, apparti oħrajn li saru barra mill-Ewropa.

Is-segretarju ġenerali tal-MFA saħaq li huwa ta' unur kbir għall-MFA li laħqet ftehim ma' din il-kumpanija ewlenija biex jiġi mibdul il-pitch tat-turf li tant kien punt ta' kontroversja fl-aħħar snin, hekk kif bosta plejers kienu jisħqu li dan ma kienx tal-ogħla livell.

Fil-konferenza tal-aħbarijiet kien preżenti wkoll id-direttur ta' SIS Grass, George A. Mullan u l-kap tal-proġett, Carlos Reis. Huwa qal li baqa' ferm impressjonat bil-ħidma sfieqa tal-MFA għall akbar ġid tal futbol lokali, fejn awgura li l-koperazzjoni massima li sab min-naħa tal-MFA tkun l-istess li huwa għandu jsib fil-futur minn pajjiżi oħra, fejn sfortunatament, huwa ammetta li dan mhux dejjem ikun il-każ.

Manuel Cassar, kap tad-dipartiment tal-proġetti tal-MFA, ħabbar li dan il-proġett ġie jiswa lill-MFA, xejn inqas minn €1.5-il miljun, li ġew investiti fil-futbol Malti. Huwa saħaq li l-bażi ta' ramel u kemm is-sistema awtomatika ta' irrigazzjoni u kif ukoll id-drenaġġi l-ġodda se jgħinu mhux ftit biex il-pitch il-ġdid joffri prestazzjoni eċċellenti.

# Seminar dwar il-korruzzjoni u r-regolamenti tal-imħatri fil-futbol




Fuq parir tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Malta Football Association, sar seminar dwar korruzzjoni u r-regolamenti tal-imħatri fil-futbol għall-klabbs membri fejn fih kienu mistiedna jattendu s-segretarji, it-team managers u l-captains tat-timijiet. Dan is-seminar sar fis-sala tas-Centenary Stadium, f'Ta' Qali.

L-ewwel sessjoni ta' dan is-seminar kienet għall-klabbs tal-Premier u tal-Ewwel Diviżjoni mentri t-tieni sessjoni kienet għall-klabbs tat-Tieni u tat-Tielet Diviżjoni.

L-MFA, minn żmien għall-ieħor, tippreżenta programmi edukattivi biex turi lill-parteċipanti kif jaġixxu għal sitwazzjonijiet diffiċli b'konnessjoni mal-match fixing li jistgħu jiltaqgħu magħhom waqt il-karriera tal-futbol.

L-Integrity Officer tal-MFA, Franz Tabone, fetaħ dan is-seminar. Hu spjega r-relazzjonijiet b'saħħithom li l-Assoċjazzjoni Maltija rnexxielha tibni matul dawn l-aħħar snin fuq dan il-fenomenu ikraħ. Huwa qal li, l-Integrity Tour 2016, se jerġa' jsir b'kollaborazzjoni mal-aġenzija Svizzera, Sportradar u li se jkunu qed iżuru l-klabbs tal-Premier kollha bejn Novembru u Diċembru li ġej.

Dr Adrian Camilleri, il-Prosekutur tal-MFA, tkellem dwar ir-regolamenti u l-liġijiet u enfasizza l-aktar fuq ir-responsabbiltajiet tal-plejers u tal-uffiċjali tal-klabbs meta jiġu ffaċċjati biex issir manipulazzjoni tar-riżultati sportivi.

Dr Dominic Micallef, Chief Enforcement Officer, tal-Malta Gaming Authority, tkellem dwar is-sistemi tal-awtoritá u kemm dawn joperaw b'mod privat. Hu semma sa fejn l-awtoritá tista' tikxef informazzjoni dwar in-nies li jilagħbu l-imħatri fuq il-futbol. Huwa faħħar ukoll lill-MFA u qal li bejn l-MGA u l-MFA issaħħet ir-relazzjoni biex flimkien jegħlbu din l-isfida tal-korruzzjoni fl-isport.




# Tony Gambin
## itemm karriera ta' 350 partita mat-tim nazzjonali

Tony Gambin, il-persuna li għal dawn l-aħħar 30 sena u aktar ifforma parti mit-tim nazzjonali Malti, ġie ppreżentat bi flokk tal-okkażjoni u rigali oħra għat-tmiem tal-karriera tiegħu minn Norman Darmanin Demajo, president tal-Malta Football Association.

Din il-preżentazzjoni saret fuq il-pitch, ftit qabel il-kick-off tal-partita bejn Malta u l-Iskozja li ntlagħbet fl-4 ta' Settembru quddiem aktar minn attendenza ta' 16,000 spettatur.

Gambin għamel 350 partita fil-kontinġent tat-tim nazzjonali Malti taħt ir-responsabbiltá ta' diversi kowċis nazzjonali u baqa' maħbub minn kulħadd għas-servizz professjonali li dejjem ta lill-Assoċjazzjoni. L-aħħar logħba għal Gambin kienet il-partita ta' ħbiberija li t-tim nazzjonali Malti lagħab kontra l-Moldova, f'Ta' Qali, f'Marzu li għadda.

# Mistieden speċjali għal sessjoni ta' taħriġ tat-tim Malti

Waqt waħda mis-sessjonijiet ta' taħriġ tat-tim nazzjonali Malti, proprju dik ta' jumejn qabel il-partita bejn Malta u l-Iskozja, Daniel Micallef, żagħżugħ bi bżonnijiet speċjali, kien mistieden biex jidħol isegwi għal ftit ħin lill-plejers 'idoli' tiegħu, dawk li jiffurmaw il-grupp nazzjonali.

Micallef inzerta ħabib personali wkoll tal-plejers Zach Muscat u Jean Paul Farrugia, li hekk kif spiċċaw mit-taħriġ tagħhom dehru jersqu lejh, jinżaw il-flokk li kellhom fuqhom u jagħtuhulu bħala tifkira. Ma' Muscat u Farrugia dehru javviċinaw ukoll diversi plejers oħra u anki l-kowċ nazzjonali Pietro Ghedin li sabu ftit ħin jitkellmu ma' Daniel li kien akkumpanjat minn missieru, Angelo.

Din hi parti mill-kampanja ta' responsabbiltá soċjali, favur min hu l-aktar fil-bżonn li l-Malta Football Association imbarkat fuqha fl-aħħar snin.



# Iċ-Ċentru Tekniku jiftaħ programm ġdid edukattiv tal-coaching




Iċ-Ċentru Tekniku tal-Malta Football Association, nieda l-ewwel kors tal-coaching għall-istaġun il-ġdid. Il-kors tal-UEFA A għandu 24 parteċipant li ġejjin minn diversi klabbs.

Il-kors jieħu tmien xhur u jieħu lill-parteċipant f'suġġetti varji tal-futbol li jilħqu kull aspett ta' futbol fl-ogħla livell tiegħu.

Minbarra dan il-kors, iċ-Ċentru Tekniku se jkompli bil-kors UEFA PRO li jispiċċa fl-aħħar tal-istaġun u li mistenni li jgħolli l-livell tal-futbol lokali.

Dan hu wieħed minn ħafna coaching cour-ses tal-futbol lokali li tagħmel l-MFA. Courses oħra jinkludu dawk fis-settur tal-grassroots u tal-Youths.

L-għan taċ-Ċentru Tekniku tal-MFA hu dak li jipprepara lill-kowċis bl-aħjar mod biex ikunu ta' aspirazzjoni għat-tfal tagħna li jilagħbu l-futbol.



## Rebħa u draw għat-tim nazzjonali Malti U17 tat-tfajliet

It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt is-17-il sena tat-tfajliet, matul dan ix-xahar lagħab żewġ partiti ta' ħbiberija kontra r-Rumanija li fihom spiċċa fi draw ta' 1-1 u mbagħad irreġistra rebħa ta' 3-2.

Dawn iż-żewġ partiti ta' ħbiberija servew biex il-kowċ nazzjonali, Frank Schembri, ikompli jipprepara lit-tim għall-mini-tournament tar-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew 2017, li se jsir fil-Greċja, ix-xahar id-dieħel, liema grupp jinkludi wkoll lit-tim ospitu l-Greċja, l-Isvezja u l-Montenegro.

Fl-ewwel partita kienet Maria Farrugia li fetħet l-iskor għal Malta f'nofs it-tieni taqsima iżda r-Rumeni kisbu d-draw, fid-79 minuta, permezz ta' Madaduma Boros, wara li l-avversarji laqtu l-lasta darbtejn.

Fir-rebħa ta' 3-2, fit-tieni logħba, il-goals tal-Maltin waslu minn Sarah Urpani (22) u doppjetta ta' Maria Farrugia (26, 60), filwaqt li għar-Rumeni rrispondew Melinda Nagy (54) u Alexandra Sfiea (69).

**L-iskwadra Maltija kienet komposta minn:**

**Goalkeepers:** Jodie Attard (Luxol), Mandy Caruana (Tarxien), Patricia Ebejer (Mgarr

**Difensuri:** Kimberly Borg (Tarxien), Amber Brincat (Hibernians), Leanne Cefai (Gozo), Chloe Ann Ellul (Tarxien), Nicole Sciberras (Mosta), Sharone Spagnol (Hibernians), Rohanne Zahra (Luxol), Nicole Zammit (Birkirkara)

**Midfielders:** Amy Busuttil (Tarxien), Kayleigh Chetcuti (Hibernians ), Miriana Conti (Gozo), Maia Melanie Debono (Mgarr), Kathryn Ellul (Kirkop), Maria Farrugia (Gozo), Celesta Jasmin Grech (Mosta), Kylie Pantalleresco (Mgarr), Angelique Sciberras (Mgarr), Sarah Urpani (Birkirkara), Francesca Zarb (Mosta), Samantha Zarb (Birkirkara)

**Attakkanti:** Caoimhe Camilleri (Gozo), Michela Felice (Birkirkara), Demi Magrin (Kirkop), Nicole Magro (Luxol)



# Esther Azzopardi tikkontrolla fil-UEFA Women's Champions League

Ir-referee internazzjonali Esther Azzopardi kellha mpenn ieħor importanti fil-mini-tournament ta' Grupp 6 mill-UEFA Women's Champions League li ntlagħab f'Sarajevo, il-Bosnja, bejn it-23 u t-28 ta' Awwissu 2016.

It-timijiet parteċipanti mal-ospitanti WFC SFK 2000 Sarajevo kienu Hapoel Nir Ramat Hasharon (Iżrael), Rigas Futbola skola (Latvja) and WFC Kharkiv (Ukrajna).

Esther Azzopardi kienet Referee / Raba' Uffiċjal f'dawn it-tliet partiti:

Fit-23 ta' Awwissu, WFC SFK 2000 Sarajevo vs Hapoel Nir Ramat Hasharon (1-0) f'Otoka Stadium (referee) u fil-25, WFC SFK 2000 Sarajevo vs Rigas Futbola skola (3-0) f'Otoka Stadium (raba' uffiċjal)

Fit-28 ta'Awwissu WFC Kharkiv vs WFC SFK 2000 Sarajevo (2-2) fl-Olimpijski Stadion Asim Ferhaatovic Hase (referee) F'din l-aħħar logħba ġie kkonfermat li dawn tal-aħħar għaddew għall-fażi li jmiss.

Ir-referees l-oħra tat-tournament, flimkien ma' Esther Azzopardi kienu Marta Huerta de Aza (Spanja) u Zuzana Valentova (Slovakkja); filwaqt li l-assistant referees kienu Biljana Atanasovski (Maċedonja), Guadalupe Porras Ayuso (Spanja), Miroslava Obertova (Slovakkja).

L-uffiċjali tal-UEFA Claudine Brohet (Belġju) u Katarzyna Wierzbowska (Polonja) kienu Referee Observers.



## Jude Amin Utulu jirreffja logħbiet mill-EBSL 2016

Wara l-parteċipazzjoni tiegħu fid-19-il edizzjoni ta' din l-ogħla livell ta' kompetizzjoni Ewropea annwali fil-Beach Soccer għal timijiet nazzjonali maskili, f'Moska, f'Lulju, u aktar kmieni fix-xahar ta' wara fl-Ungerija, ir-referee internazzjonali Jude Amin Utulu ikkontrolla partiti mill-fażi finali tal-EBSL Promotion Final u s- Superfinal li ntlagħbu bejn il-25 u t-28 ta' Awwissu 2016.

Il-belt ta' Katanja fi Sqallija, l-Italja – li dawn l-aħħar tliet snin organizzat il-Euro Winners Cup, u bħall-2014 l-Euro Beach Soccer League dan l-istaġun – organizzat dawn iż-żewġ avvenimenti li rregolaw il-pożizzjonijiet finali għall-istaġun li ġej.

**L-erba' gruppi ta' parteċipanti kienu:**

**Diviżjoni A Group 1 –** Belarus, Ġermanja, Ukrajna, Spanja

**Diviżjoni A Group 2 –** Portugall, Russja, Svizzera, Italja

**Diviżjoni B Group 1 –** Moldova, Ungerija, Estonja, Rumanija

**Diviżjoni B Group 2 –** Repubblika Ċeka, Turkija, Ingilterra, Azerbaijan

## Trustin Farrugia Cann
jikkontrolla logħba tal-Kampjonat Ewropew U21 fi Spanja



Ir-referee internazzjonali Trustin Farrugia Cann kien maħtur mill-UEFA biex nhar l-1 ta' Settembru, li għadda, ikkontrolla l-logħba fil-fażi tal-gruppi tal-Kampjonat Ewropew U21 2017, bejn Spanja - San Marino li ntlagħbet f'Estadio Municipal Castalia, Castellon, fejn l-Ispanjoli ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 6-0.

Trustin Farrugia Cann kellu miegħu lill-Assistenti Referees internazzjonali William Debattista u Jurgen Spiteri, filwaqt li l-Elite Referee Glen Tonna kien ir-Raba' Uffiċjal.

Ir-Referee Observer li kien appuntat biex jevalwa l-prestazzjoni tal-uffiċjali kien Edward Foley mir-Repubblika tal-Irlanda filwaqt li Duncan Fraser kien id-Delegat tal-UEFA.

# Clinton Cassar
## maħtur għal tournament mill-UEFA Fustal Cup




Ir-referee internazzjonali Clinton Cassar kien maħtur mill-UEFA Referees' Committee biex mis-17 sal-20 ta' Awwissu 2016, ikkontrolla logħbiet fil-mini-tournament minn Grupp E mill-Fażi Preliminari tal-UEFA Futsal Cup 2016-2017 organizzat mill-FA Awstrijaka.

SC Kaiserebersdorf (Awstrija), IFK Goteborg (Svezja), Amsterdam SV (Oanda) u FC Cosmos (Estonja), kienu l-kontestanti ta' dan il-mini-tornew li intlagħab fi Sporthalle Brigittenau ta' Vjenna.

**Clinton Cassar ikkontrolla dawn il-partiti:**

**- fis-17 ta' Awwissu –** SC Kaiserebersdorf vs IFK Goteborg (Referee 2);

**- fit-18 ta' Awwissu –** IFK Goteborg vs Amsterdam SV (Referee 3), u SC Kaiserebersdorf vs FC Cosmos (Referee 1);

**- fl-20 ta' Awwissu –** FC Cosmos vs IFK Goteborg (Referee 2), u Amsterdam SV vs SC Kaiserebersdorf (Referee 3).

Ir-referees l-oħra appuntati ma' Clinton Cassar kienu Damian Jaruchiewicz (Polonja), Kaloyan Kirilov (Bulgarija) u Damir Radovic (Serbja); Mile Lukic (Awstrija) kien it-timekeeper.

Kleomenis Bontiotis (Greċja) kien il-UEFA Referee Observer, filwaqt li Mateo Beusan (Kroazja) kien id-Delegat tal-UEFA

# Seminar ta' qabel il-bidu tal-istaġun għall-futsal referees




Is-seminar annwali qabel il-bidu tal-istaġun għar-referees tal-Futsal sar mill-Ġimgħa, it-2 sal-Ħadd, 4 ta' Settembru 2016, fil-Kulleġġ ta' De La Salle.

Il-lecturer ewlieni din is-sena kien il-FIFA Instructor u UEFA Referee Observer Andrea Lastrucci, li beda l-karriera tiegħu ta' FIFA Instructor, fl-2004.

Is-Sur Lastrucci huwa wieħed mill-pijunieri fir-refereeing tal-Futsal fl-Ewropa. Fil-karriera internazzjonali tiegħu, huwa kien involut f'140 logħba, fosthom il-finali tal-European Champions Tournament fl-1994, l-Intercontinental Cup final fl-1997, il-Club's World Cup Final fl-1998, u l-UEFA Euro Futsal Championship Final fl-1999.

Is-suġġetti ewlenin trattati minnu matul is-seminar kienu dwar il-Komunikazzjoni u Kooperazzjoni bejn l-uffiċjali tal-logħba, Uniformità u Konsistenza fid-deċiżjonijiet, kif wieħed jaffronta każi ta' simulazzjoni u konfrontazzjoni bejn il-players, u preparazzjoni psikoloġika u mentali għal-logħba.

Ir-referees kollha għamlu t-test fiżiku tal-FIFA, u b'mod ġenerali r-riżultati kienu sodisfaċenti. Is-seminar kien indirizzat ukoll minn Kevin Azzopardi, Direttur tar-Refereeing.



# Laqgħa dwar il-Laws of the Game mal-ġurnalisti televiżivi

Ir-Refereeing Centre tal-Malta Football Association, riċentament organizza sessjoni ta' tagħrif dwar l-emendi introdotti dan l-istaġun fil-Laws of the Game, miftuħa għall-ġurnalisti tal-isports tal-istazzjonijiet televiżivi.

Matul is-sessjoni, it-tibdiliet ewlenin ġew spjegati permezz ta' dvd clips; saru mistoqsijiet u osservazzjonijiet interessanti minn dawk preżenti kemm dwar fil-Laws of the Game kif ukoll dwar materji relatati mar-refereeing.

Id-Direttur tar-Refereeing Kevin Azzopardi, li mexxa s-sessjoni flimkien mal-Assistant Direttur, Andrè Arciola, qal li r-Refereeing Centre jirrikonoxxi l-Media bħala parteċipant ewlieni fid-dinja tal-football u rringrazzajhom għax xogħol fejjiedi tagħhom.

Ġie rikonoxxut li naturalment, wieħed mhux bilfors jaqbel dejjem mal-opinjonijiet kollha – iżda żgur li okkażjonijiet bħal din is-sessjoni iservu biex isaħħu r-relazzjonijiet eżistenti bejn iż-żewġ partijiet.

# Sessjoni speċjalizzata għall-uffiċjali tal-logħba f'livell ta' grassroots



Il-Grassroots Unit hi waħda mid-diviżjonijiet ewlenin fl-istruttura l-ġdida tar-Refereeing Centre, li għandha l-iskop li ssegwi, tgħin u tipprepara uffiċjali żgħażagħ fl-ewwel xhur u snin tal-karrieri tagħhom; ħafna minnhom qegħdin f'dan il-livell wara li temmew kors ta' sentejn fir-Referees' Academy.

L-ewwel sessjoni speċjalizzata għalihom saret il-Ħamis, 25 ta' Awwissu, fis-Centenary Stadium, li ffokat fit-teknika tal-ġiri u eżerċizzji prattiċi għal konċentrazzjoni, li matulha n-numru sabiħ ta' parteċipanti setgħu jifhmu aħjar l-importanza ta' konċentrazzjoni massima matul il-logħba biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet aħjar. Aktar sessjonijiet simili ser jibdew isiru kull tant żmien fl-istaġun.

Is-sessjoni kienet koordinata minn Andrè Arciola, Kap tal-Grassroots Unit, Adrian Azzopardi, Kap tan-National Unit u Ronald Zammit, Fitness Coach tar-referees.

Dawk kollha interessati li jingħaqdu fir-Referees' Academy dan l-istaġun, is-Sibtijiet filgħodu jew jixtiequ jattendu Refereeing Course matul il-ġimgħa filgħaxija, jistgħu jikkuntattjaw lil Paul Caruana, Kap tar-Recruitment & Retention Unit, billi jibagħtu email lil referees@mfa.com.mt

## Sessjoni dwar il-Laws of the Game għall-clubs membri tal-Gozo Football Association



Fis-sensiela riċenti tiegħu ta' sessjonijiet relatati mal-aħħar emendi fil-Laws of the Game, il-Malta FA Refereeing Centre organizza waħda għall-clubs membri tal-Gozo Football Association, li għaliha attendew numru tajjeb, flimkien ma' uffiċjali tal-logħba u referee observers Għawdxin.

Il-parteċipanti għal-laqgħa li saret fil-GFA Headquarters fil-Gozo Stadium, ġew indirizzati mid-Direttur tar-Refereeing, Kevin Azzopardi, li għadda t-tibdiliet ewlenin kollha mit-total ta' 95 li saru mill-International Football Association Board (IFAB) - 17-il regolament minn dan l-istaġun ġdid.

Il-laqgħa kienet indirizzata wkoll minn Paul Caruana, Head Recruitment & Retention Unit, li flimkien ma' James Farrugia ħeġġew lill-clubs biex jgħinu lir-Refereeing Centre jidentifikaw individwi Għawdxin biex jibdew karriera fir-refereeing. Dawk interessati mitluba jibagħtu email lil referees@mfa.com.mt Clubs u nurseries li jixtiequ jorganizzaw sessjonijiet dwar il-Laws of the Game jistgħu jikkuntattjaw lil Alexander Arena bl-email alexander.arena@mfa.com.mt.

Din il-laqgħa kienet koordinata mill-Gozo FA b'kollaborazzjoni mar-Refereeing Centre Gozo Unit, immexxi minn Anton Zammit u Joseph Camilleri.



## Assitant Referees f'ġirja u qadfa f'Paradise Bay

L-Assistants' Unit tal-Malta FA Refereeing Centre riċentament organizza sessjoni ta' taħriġ b'differenza għall-assistant referees meta marru Paradise Bay għal din l-isfida f'dan l-ambjent sabiħ u fl-inħawi tal-madwar.

Is-sessjoni bdiet b'ġirja fil-kampanja, kompliet bi qdif ta' canoes, u segwiet b'ikla flimkien.

Dawn l-attivitajiet innovattivi, minbarra li jkompli jtejbu s-saħħa fiżika tal-uffiċjali, żgur iservu biex jimmotivawhom aktar personalment, kif ukoll bħala eżerċizzju ta' għaqda bejniethom.

Is-sessjoni kienet koordinata minn Philip Agius, Kap tal-Assistants' Unit, assistit minn Charles Micallef u Mariano Debono.

## Kampanja għal referees ġodda







Ir-Refereeing Centre tal-Malta FA ħabbar li l-ewwel Course għal Referees dan l-istaġun ser jibda fit-3 ta' Ottubru 2016 u jibqa' sejjer sal-5 ta' Diċembru 2016. Is-sessjonijiet kollha jkunu fil-jum tat-Tnejn bejn is-6:00 pm u t-8:00 pm fir-Refereeing Centre, f'Ta' Qali. Applikanti minn 17-il sena 'l fuq interessati jattendu jridu japplikaw fuq referees@mfa.com.mt

Proprju llum, is-Sibt, 24 ta' Settembru, se ssir Attività Promozzjonali għal Referees Ġodda f'Bieb il-Belt Valletta. L-attività tiffoka fuq ir-Referees Academy, bl-istand imwaqqaf għall-okkażjoni jkun immexxi minn studenti tal-istess Akkademja flimkien mal-Uffiċjali mir-Recruitment and Retention Unit.

Is-sena 2016-17 tar-Referee Academy ser tibda s-Sibt, 29 ta' Ottubru, 2016, u tispiċċa s-Sibt, 22 ta' April, 2017. Studenti prospettivi interessati jsiru referees li huma minn 15 sa 17-il sena, jistgħu japplikaw fuq referees@mfa.com.mt

Course għal Referees Prospettivi Għawdxin hu ppjanat għas-Sibt, 1 ta' Ottubru 2016, dejjem skond il-konkorrenza. Applikanti Għawdxin jistgħu jagħmlu dan fuq referees@mfa.com.mt

## Ir-Refereeing Centre b'żieda ta' Referee Observers ġodda



Total ta' seba' *referee observers* ġodda għadhom kemm issieħbu mar-Refereeing Centre biex joffru s-servizzi tagħhom fl-istaġun li għadu kif beda.

Seminar dwar proċeduri tekniċi u amministrattivi kien organizzat apposta għalihom riċentament biex Alexander Arena, Head tal-Observers' & Instructors' Unit, spjega l-irwol ta' *referee observer* u indika x'ikun mistenni minnu/minnha mir-*referee*. Referee Observers stabbiliti kienu preżenti wkoll biex semmew u għaddew l-esperjenzi personali tagħhom lill-kollegi ġodda tagħhom.

Il-lista ta' *referee observers* ġodda tinkludi lill-*ex-referees* internazzjonali Adrian Azzopardi u Marco Borg, l-*ex-referees* tal-Premier League Andrè Arciola, Roberto Buontempo u Reno Refalo, kif ukoll lil Emanuel Calleja u Tanya Baldacchino (l-ewwel *referee observer* mara uffiċjali f'Malta).

## Tazza tad-Dinja 2018
## Round ta' kwalifikazzjoni




# Jispikkaw id-deċiżjonijiet kontroversjali tar-referee Ukre

Fl-ewwel partita mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2018, Malta sfaw megħluba bl-iskor ta' 5-1 mill-Iskozja.

Iżda l-avversarji tal-Maltin ma kienx it team Britanniku ... iżda kienet it-terna arbitrali Ukrena ... bid-deċiżjonijiet banali u skandalużi kontra l-benjamini tagħna.

Kollox ma' kollox, il-players Maltin ippreżentaw wirja metikoluża sakemm ir-riżultat kien għadu dak ta' draw 1-1.

Iżda biż-żewġ goals kontroversjali li sofrejna, l arja fil kamp Malti nbidlet għal kollox biex intilfet ukoll il-konċentrazzjoni .... u tajna ruħna b'mirbuħa ... biex imbagħad sofrejna żewġ goals oħra għal skor finali ta' 5-1.

Sa mis-suffara inizjali, l-Iskoċċiżi ħarġu aggressivi u kienu territorjalment dominanti biex fid-disa' minuta, Skozja fetħu l-iskor meta minn azzjoni ta' corner, il-ballun wasal għand ROBERT SNODGRASS li minn pożizzjoni ferm angolata fi tliet kwarti ta' ground sab ir-rokna tas-saqaf tax-xibka li ma ta l-ebda ċans lill-goalkeeper Andrew Hogg isalva.

Iżda jekk dan kien goal sabiħ, daqstant ieħor kien dak Malti meta fl-ewwel attakk, fl-14-il minuta, Gareth Sciberras xeħet cross perfett lejn ALFRED EFFIONG, li minkejja li kien issikkat minn Callum Paterson, b'daqqa ta' ras stupenda ħalla lill-goalkeeper avversarju, David Marshall, statiku fuq il-linja jħares lejn il-ballun dieħel fix-xibka.

Kien goal li ta moral psikoloġiku lill-players Maltin li ħarġu mill-qoxra difensiva u b'mod kollettiv bdew idawru lill-avversarji.

Iżda, fl-24 minuta, l-Iskoċċiżi setgħu marru fil-vantaġġ meta mill-cross ta' Callum Paterson, id-daqqa ta' ras ta' Robert Snodgrass ġiet salvata bi tbatija minn Hogg. Minuta wara, Alfred Effiong ħarab lid-difiża Skoċċiża iżda ġie senjalat f'pożizzjoni ta' offside.

Fis-37 minuta, il-freekick ta' Matt Ritchie seta' sewa fatali meta d-daqqa ta' ras ta' Grant Hanley ħalliet lil Hogg iħares iżda b'xorti tajba l-ballun għadda ma' sieq il-lasta.

Erba' minuti minn tmiem l-ewwel taqsima, l-Iskoċċiżi resqu viċin meta x-xutt fil-baxx ta' Andrew Robertson ħasad għal kollox lil Hogg iżda għadda ftit ċentimetri barra.

Ir-reazzjoni tal-Maltin kienet waħda









(Fuq xellug) **Luke Gambin (Malta) segwit minn Robert Snodgrass (Skozja)**
(Fuq) **Alfred Effiong (Malta) jipprova jilħaq qabel il-goalkeeper David Marshall (Skozja)**
(Taħt) Alfred Effiong jiċċelebra l-goal tiegħu kontra Skozja
(Xellug fuq) **Il-formazzjoni inizjali ta' Malta**
(Xellug isfel) **Il-formazzjoni inizjali tal-Iskozja**

mmedjata iżda mill-cross ta' Ryan Scicluna, Alfred Effiong ma laqatx tajjeb il-ballun bir-ras ... u minuta minn tmiem l-ewwel taqsima, kien André Schembri li resaq viċin li jikkonkludi.

It-tieni taqsima bdiet bl-għajta ta' "goal" mill-Maltin meta Joseph Zerafa għadda lejn Luke Gambin li mill-cross tiegħu André Schembri rnexxielu joħroġ minn bejn id-difensuri avversarji iżda ġie ġġudikat f'pożizzjoni ta' offside ferm dubjuż.

Fit-53 minuta, Skozja marru fil-vantaġġ meta l-azzjoni bdiet min-nofs il-ground li fiha ġie ffawljat André Schembri, li iżda, r-referee Ukren, Yevhen Aranovskiy, ħalla l-logħob għaddej u lill-istess Schembri mal-art ... biex Matt Ritchie xeħet cross mibrum li minnu CHRIS MARTIN ikkonkluda fir-rokna tax-xibka. Kien goal li rrabja ħafna lill-Maltin.

Aktar minn hekk, fis-60 minuta, l-Iskoċċizi ġew litteralment regalati penalty ineżistenti li minnu tkeċċa d-difensur Malti Jonathan Caruana għal foul litteralment ineżistenti fuq Chris Martin li ma laqatx il-ballun minn taħt il-lasti.

Mill-11-il metru, ROBERT SNODGRASS xeħet fir-rokna tax-xibka ... u bil-partita mirbuħa u mitlufa, sofrejna żewġ goals oħra minn STEVEN FLETCHER, fit-78 minuta u minn ROBERT SNODGRASS li rreġistra l-hat-trick personali.

U biex tkompli tiġina ħażin, il-partita spiċċat fuq nota ferm negattiva bit-tkeċċija tal-midfielder Malti Luke Gambin għal ritaljazzjoni inutli.

**04.09.2016 - 20.45 hrs**

**Malta** **1**
A. Effiong 14

**Skozja** **5**
R. Snodgrass 9, 61 pen, 85, C. Martin 53, S. Fletcher 78

HT 1-1 **National Stadium**

**Malta** – 1-Andrew Hogg, 2- Jonathan Caruana, 3-Joseph Zerafa, 4-Gareth Sciberras, 5-Andrei Agius, 8-Paul Fenech, 11-Luke Gambin, 13-André Schembri (10-Roderick Briffa 66), 15-Steve Borg, 16-Ryan Scicluna (17-Ryan Camilleri 79), 19-Alfred Effiong (9-Michael Mifsud 89)
*Coach* – Pietro Ghedin

**Skozja** – 1-David Marshall, 2-Callum Peterson, 3-Andrew Robertson, 4-Russel Martin, 5-Grant Hanley, 6-Barry Bannan, 7-Darren Fletcher, 8-Oliver Burke (13-James Forrest 66), 9-Chris Martin (18-Steven Fletcher 68), 10-Robert Snodgrass, 11-Matt Ritchie (17-Ikechi Anya 86)
*Coach* – Gordon Strachan

**Referee** – Yevhen Aranovskiy (Ukrajna)
**Assistenti** – Oleksandr Voytuk u Serhly Bekker (Ukrajna)
**Raba' Uff.** – Anatoli Zhabchcenko (Ukrajna)
**Ammoniti** – P. Fenech, A. Effong (M)
**Tkeccew** – J. Caruana 60, L. Gambin 91 (M)
**Attendenza** – 15,609

Partita ta' Ħbieberija



# DRAW MISTĦOQQ GĦAL MALTA KONTRA L-ESTONJA

F'partita ta' ħbiberija, li ntlagħbet fil-Linna Stadium, fil-belt ta' Parnu, Malta u l-Estonja spiċċaw fi draw ta' 1-1 liema konfront il-Maltin setgħu rebħu minħabba li kellhom l-aħjar ċansijiet minkejja li l-avversarji kienu territorjalment aħjar ... iżda riżultat ta' draw kien wieħed meritat.

Din il-logħba serviet ta' preparazzjoni għal dik mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja, 2018, kontra l-Iskozja, fil-Istadium Nazzjonali, li ntlagħbet nhar l-4 ta' Settembru.

Il-partita bdiet fuq nota kwieta biż-żewġ timijiet jistudjaw lil xulxin biex l-ewwel azzjoni denja ta' nota waslet wara 20 minuta meta x-xutt tal-midfielder tal-Estonja, Gert Kams, ġie mdawwar f'corner.

L-avversarji tagħna bdew jikbru fl-istatura iżda ma setgħux jippenetraw lid-difiża Maltija li dehret organizzata u kompatta għall-aħħar iżda fuq in-naħa l-oħra sa dak il-ħin, il-Maltin rari heddew il-lasti difiżi mill-goalkeeper, Mihkel Aksalu.

Fis-26 minuta, kellu jkun Andrew Hogg li salva goal ċert meta laqa' bi tbatija x-xutt angolat, iżda mill-qrib, ta' Gert Kams. Fil-31 minuta, intweriet l-ewwel karta safra meta Karol Mets ikkommetta foul ikrah, b'tackle minn wara, fuq André Schembri li deher li seta' jaħrab bil-ballun f'nofs il-ground.

Żewġ minuti wara, f'attakk iżolat tal-Maltin, Luke Gambin qabad il-ballun minn tarf il-kaxxa ġera mal-linja, qabeż żewġ avversarji iżda mill-cross insidjuż tiegħu ħadd mill-players Maltin ma kien hemm taħt il-lasti biex seta' jikkonkludi.

Fis-36 minuta, kellu jkun Joseph Zerafa li nnewtralizza fil-ħin lill-attakkant, Ats Purje, li seta' jagħmel xi forma ta' ħsara. Minuta wara, l-istess Zerafa xeħet cross fejn André Schembri approfitta u laqat sieq il-lasta, li iżda, ġie ġġudikat li kien f'pożizzjoni ta' offside ... li kien wieħed millimetriku.

Fid-39 minuta, kien imiss lil Gareth Sciberras li jintwera l-karta s-safra meta kkommetta foul inutli fuq Konstantin Vassiljev, fi tliet kwarti ta' ground.

Mill-istess free-kick, id-difensur Malti, Andrei Agius, tajjar il-periklu minn fuq

ritratti **Paul Zammit Cutajar**










(Fuq xellug) Alfred Effiong (Malta) miġbud minn Nikita Baranov (Estonja) (Fuq lemin) **André Schembri (Malta) jixxuttja lejn il-lasti tal-Estonja** (Taħt) Andrei Agius (Malta) jilħaq fuq il-ballun qabel Sergei Zenjov (Estonja)

Sergei Zenjov li kien f'pożizzjoni li seta' jikkonkludi.

Qabel intemmet it-taqsima, kien Steve Borg li b'tackle preċiża antiċipa fil-ħin lil Gert Kams li kien f'pożizzjoni ideali li seta' jsib ix-xibka.

U dak li ma għamilx Kams, għamlu Sergei Zenjov meta, fis-57 minuta, qabad ballun .. avvanza u mingħajr ma ġie attakkat mill-players Maltin, venven xutt fil-baxx minn barra l-kaxxa li ma ta l-ebda ċans lil Andrew Hogg isalva.

Iżda żewġ minuti wara, il-Maltin kisbu d-draw meta, fit-tentattiv li jikklerja, Karol Mets laqat il-ballun ħażin li għola lejn id-direzzjoni tal-goalkeeper tiegħu stess fejn Alfred Effiong kien pront u b'mod akrobatiku xeħet fix-xibka.

Fis-76 minuta, konna verament sfortunati li ma morniex fil-vantaġġ meta Luke Gambin għadda lejn André Schembri li f'nofs il-kaxxa, ikkontrolla l-ballun u b'xutt bid-dawra għeleb lill-goalkeeper avversarju iżda l-ballun ħabat mal-wieqfa u nqala' 'l barra.

Minuta wara, f'attakk veloċi tal-Estonja, Sergei Zenjov skorja bir-ras iżda l-goal ġie ġustament imħassar minħabba li kien żewġ metri f'pożizzjoni ta' offside.

Fil-80 minuta, kien Andrew Hogg li salva mill-cross perikoluż ta' Zenjov. Fl-aħħar ħinijiet il-Maltin ippressaw u fl-aħħar tliet minuti Michael Mifsud ħarab fuq ix-xellug iżda meta ġie biex jegħleb lill-avversarji dirett tiegħu u jidħol fil-kaxxa, żelaq biex iċ-ċans intilef.

[redacted]

**31.08.2016 - 18.30 hrs**

**Estonja** **1**
S. Zenjov 57

**Malta** **1**
A. Effiong 59

**HT 0-0 Linna Stadium - Parnu - Tallin**

**Estonja** – 1-Mihkel Aksalu, 3-Artur Pikk (Dmitri Kruglov 78), 6-Aleksandr Dmitrijev (16-Ilja Antonov 69) 9-Ats Purje (11-Rauno Sappinen 68), 10 Sergei Zenjov, 14 Konstantin Vassiljev, 18-Karol Mets, 19-Ken Kallaste, 20-Gert Kams (25-Maksim Gussev 62), 21-Nikita Baranov, 23-Taijo Teniste

*Coach* – Magnus Pehrsson

**Malta** – 1-Andrew Hogg, 2-Jonathan Caruana, 3-Joseph Zerafa, 4-Gareth Sciberras, 5-Andrei Agius, 7-Clayton Failla (17-Ryan Camilleri 46), 8-Paul Fenech (10-Roderick Briffa 84), 11-Luke Gambin, 13-André Schembri (18-Bjorn Kristensen 85), 15-Steve Borg (20-Zach Muscat 61), 19-Alfred Effiong (9-Michael Mifsud 74)

*Coach* – Pietro Ghedin

**Referee** – Michael Tykgaard (Danimarka)

**Assistenti** – Lars Pix, Niels Hog (Danimarka)

**Raba' Uff.** – Sten Klaasen (Estonja)

**Ammoniti** – K. Mets (E); A. Effiong (M)




# Goal fl-aħħar ħinijiet iċaħħad lill-Maltin minn draw prestiġjuż

It-team nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena kien biss sekondi 'l bogħod milli jikseb draw prestiġjuż kontra t-team qawwi tal-Belġju.

Iżda proprju, fid-90 minuta, l-avversarji kisbu rebħa drammatika ta' 3-2. Madankollu, wieħed ma jistax ma jfaħħarx il-wirja kollettiva u ferm qalbiena tal-Maltin li ħabbtu bis-sħiħ lit-team nazzjonali Belġjan li huwa kompost minn diversi stilel li jilagħbu ma' wħud mill-aqwa clubs fl-Ewropa.

Malta kellha liż-żewġ players importanti Luke Montebello u Daniel Zerafa neqsin, minħabba li għadhom qed jirkupraw minn injury.

Għall-kronaka, il-Belġju għamlu l-intenzjonijiet tagħhom ċari mal-ftuħ tal-logħba u wara biss żewġ minuti huma rebħu penalty meta Matthew Guillaumier waqqa' lil Charles Musonda fil-kaxxa.

Mill-11-il metru nkarlga ruħu YOURI TIELEMANS li ma żbaljax hekk kif tefa' l-ballun naħa u lill-goalkeeper Malti, Jurgen Borg, in-naħa l-oħra. Fl-24 minuta, il-Belġjani rduppja meta Senna Miangue għadda tajjeb lejn THEO OFEKO BONGONDA li permezz ta' xutt preċiż tefa' l-ballun wara Jurgen Borg.

Erba' minuti biss wara, xutt angolat mill-viċin ta' Sybe Schrijvers ġie milqugħ b'diffikultà minn Jurgen Borg, biex fid-29 minuta tentattiv minn ġol-kaxxa tal-captain Belġjan Dennis Praet li fil-jiem li għaddew sieħeb lil Sampdoria mingħand Andrlecht, ġie salvat minn Jurgen Borg.

Kien biss, fis-37 minuta, li Malta ħolqu l-ewwel periklu meta Cain Attard xeħet cross preċiż mil-lemin lejn is-sostitut Jake Grech li ttanta xortih permezz ta' xutt fil-baxx, iżda l-ballun intemm f'idejn il-goalkeeper Belġjan.

Il-Maltin bdew juru titjib fil-logħob tagħhom u fid-39 minuta, Johann Bezzina ndirizza *through pass* lejn Jurgen Degabriele, li iżda ppressat minn difensur Belġjan, ma setax jagħmel aħjar milli jmiss ftit il-ballun b'siequ, qabel ra lil Davy Roef







[redacted]

**02.09.2016 - 18.00 hrs**

**Malta** **2**

J. Degabriele 74, M. Heylen 84 og

**Belgju** **3**

Y. Tielemans 2 pen., T. O. Bongonda 24, B. Engels 90

HT 0-2 **Hibernians Stadium**

**Malta** – 2-Jurgen Borg, 4-Jean Borg, 5-Samir Arab, 7-Ryan Camenzuli, 10-Johann Bezzina, 14-James Brincat (16-Myles Beerman 62), 18-Matthew Guillaumier, 19-Joseph Mbong, 20-Jurgen Degabriele (3-Michael Johnson 90), 21-Llywelyn Cremona (8-Jake Grech 31), 22-Cain Attard

*Coach* – Silvio Vella

**Belgju** – 1-Davy Roef, 2-Thomas Foket, 3-Michael Heylen, 4-Bjorn Engels, 5-Senna Miangue, 6-Julien De Sart, 8-Youri Tielemans, 10-Dennis Praet (7-Zakkaria Bakkali 46), 11-Charles Musonda (17-Obbi Oulare 70), 15-Siebe Schrijvers, 18-Theo Ofeko Bongonda (14-Birger Verstraete 56)

*Coach* – Johan Walem

**Referee** – Nilsen Ola Hobber (Norvegja)

**Assistenti** – Gronevik Tom Harald, Isaksen Geir Oskar (Norvegja)

**Raba' Uff.** – Martin Lundby (Norvegja)

**Ammoniti** – M. Guillaumier, C. Attard (M), O. Oulare (B)

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rep Ċeka | 8 | 6 | 2 | 0 | 24 | 7 | 20 |
| Belġju | 7 | 5 | 0 | 2 | 12 | 6 | 15 |
| Montenegro | 8 | 3 | 3 | 2 | 10 | 11 | 12 |
| Moldova | 8 | 2 | 1 | 5 | 5 | 11 | 7 |
| Latvia | 7 | 1 | 2 | 4 | 9 | 12 | 5 |
| Malta | 8 | 1 | 2 | 5 | 5 | 18 | 5 |

isalva tajjeb mingħajr wisq diffikultà. Fl-74 minuta, il-Maltin naqqsu id-distakk meta JURGEN DEGABRIELE approfitta minn indeċiżjoni fid-difiża Belġjana, avvanza u b'xutt fil-baxx għeleb lil Reof.

Fl-84 minuta, il-Maltin kisbu d-draw meta Jake Grech xeħet cross fil-kaxxa avversarja u fit-tentattiv li jikklerja l-ballun minn kull periklu, id-difensur Michael Heylen, tefa' fil-lasta tiegħu stess biex ikkommetta auto-goal.

Kien proprju fid-90 minuta, li l-Belġju kisbu rebħa drammatika meta minn corner ta' Youri Tielemans, BJORN ENGELS għola tajjeb u permezz ta' daqqa ta' ras preċiża tefa' fix-xibka.

(Paġna 26) Jake Grech (Malta) jirbaħ dwell kontra Youri Tielemans (Belġju)
(Fuq) Il-formazzjoni inizjali ta' Malta
(Taħt) Il-formazzjoni inizjali tal-Belġju
(Lemin) Johann Bezzina (Malta) segwit minn Julien de Sart (Belġju)




# Tliet timijiet b'punt massimi wara t-tielet ġurnata

Sakemm intlagħbet it-tielet ġurnata tal-Kampjonat BOV Premier, l-ewwel pożizzjoni tal-klassifika hija komposta minn Birkirkara, iċ-champions Valletta u Balzan, hekk kif dawn rebħu t-tliet partiti tagħhom.

Minn dawn it-tliet timijiet, Birkirkara jidhru xi ftit aħjar hekk kif huma armati tajjeb f'kull dipartiment, filwaqt li Valletta għadhom 'il bogħod mill-forma tal-istaġun li għadda u Balzan bħal donnhom għad iridu jimmaturaw.

It-tliet partiti li rebħu s'issa dawn it-tliet timijiet kienu:

Birkirkara - St Andrew's (4-0), Tarxien R. (4-0) u Hamrun Spartans (2-1).

Valletta - Sliema W. (2-1), Mosta (1-0) u Pembroke A. (5-1).

Balzan - Mosta (3-2), Pembroke A. (2-1) u Floriana (1-0).

Interessanti l-fatt kif il-Balzanin għelbu lil Floriana bl-iskor ta' 1-0, b'goal li wasal lejn it-tmiem permezz ta' penalty. Din kienet l-ewwel telfa ta' Floriana li kienet tfisser ukoll li fallew fl-ewwel test serju.

Hibernians jidhru li ġejjin f'tagħhom wara bidu negattiv fit-telfa ta' 3-1 kontra Hamrun Spartans ... fejn imbagħad rebħu ż-żewġ logħbiet sussegwenti kontra Sliema Wanderers (1-0) u Mosta (3-1).

Iż-żewġ timijiet promossi, Gzira United u Hamrun Spartans kellhom wirjiet sodisfaċenti fejn kisbu ħames u erba' punti rispettivament.

St Andrew's, li l-istaġun li għadda salvaw mill-għarqa permezz tar-Relegation Play-Off kontra t-team

ritratti **Christine Borg u Dominic Borg**

tal-Ewwel Diviżjoni, Senglea Athletic, jinsabu fit-tmiem post, grazzi għar-rebħa li kisbu bl-iskor ta' 1-0 fuq Tarxien Rainbows ... b'dawn tal-aħħar jiksbu punt wieħed biss fid-draw ta' 1-1 kontra Gzira United, proprju fl-ewwel partita tal-kampjonat.

L-aktar team li ddiżappunta wara t-tielet ġurnata huwa dak ta' Sliema Wanderers, meqjus minn fost il-ġganti tal-football Malti.

Il-Blues tilfu t-tliet partiti tagħhom u minbarra li għadhom qed ifittxu l-ewwel punti, jidher li se jkollhom kampjonat diffiċli.

Bħalhom mingħajr l-ebda punt hemm Mosta u Pembroke Athleta.

Sa din it-tielet ġurnata ġew utilizzati 216-il player fejn 118 huma Maltin filwaqt li 98 huma barranin.

L-aktar team li utilizza players huwa dak ta' Mosta, b'total ta' 21 filwaqt li Hibernians u Sliema Wanderers huma l-inqas li utilizzaw, b'total ta' 16.

Il-players utilizzati s'issa mit-timijiet huma f'din l-ordni: Balzan 18 (11 Maltin+7 barranin); Birkirkara 20 (11+9), Floriana 17 (8+9), Gzira U. 16 (8+8); Hamrun S. 19 (12+7), Hibernians 16 (10+6), Mosta 21 (10+11), Pembroke A. 19 (11+8), Sliema W. 16 (9+7), St Andrew's 16 (8+8), Tarxien R. 19 (10+9), Valletta 19 (10+9).

F'dak li jirrigwardja l-goals, it-52 ġew skorjati minn 13-il nazzjonalitá differenti - Malta (24), Brażil (7), Montenegro (3), Niġerja (3), Arġentina (2), Italja (2), Serbja (2), Kamerun (1), Maċedonja (1), Senegal (1), Slovakkja (1), Slovenja (1), Spanja (1) ... u 3 auto-goals.

Min-naħa l-oħra, s'issa ntwerew 90 karta safra u 7 karti ħomor. Karti sofor - Maltin (41) u Barranin (49) ... f'din l-ordni - Under 21 (7); 21-25 sena (32); 25-30 sena (31); 'il fuq minn 30 sena (20).







(Fuq) **Marcelo Dias (Hibernians) ittakiljat minn Victor Osegahle (Mosta)** (Fin-nofs) **Federico Falcone (Valletta) fl-azzjoni għal Valletta kontra Pembroke A. u** (Isfel) **Alex Muscat (Sliema W.) issikkat minn Joceano da Silva Santos (Gzira U.)**

# KAMPJONAT PREMIER

**KIF JINSABU**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Birkirkara | 3 | 3 | 0 | 0 | 10 | 1 | 9 |
| Valletta | 3 | 3 | 0 | 0 | 8 | 2 | 9 |
| Balzan | 3 | 3 | 0 | 0 | 6 | 3 | 9 |
| Floriana | 3 | 2 | 0 | 1 | 5 | 3 | 6 |
| Hibernians | 3 | 2 | 0 | 1 | 5 | 4 | 6 |
| Gzira U. | 3 | 1 | 2 | 0 | 3 | 2 | 5 |
| Hamrun S. | 3 | 1 | 1 | 1 | 5 | 4 | 4 |
| St Andrew's | 3 | 1 | 0 | 2 | 2 | 7 | 3 |
| Tarxien R. | 3 | 0 | 1 | 2 | 1 | 6 | 1 |
| Sliema W. | 3 | 0 | 0 | 3 | 1 | 4 | 0 |
| Mosta | 3 | 0 | 0 | 3 | 3 | 7 | 0 |
| Pembroke A. | 3 | 0 | 0 | 3 | 3 | 9 | 0 |

## Min Qed Jiskorja

**3** – Bojan Kaljevic (Balzan).

**2** – James Brincat, Srdan Dimitrov (Birkirkara); Mario Fontanella (Floriana); Antonio Macheda de Queiroz (Gzira U.), Jean Pierre Mifsud Triganza (Hamrun S.); Clayton Failla, Bjorn Kristensen (Hibernians); Jhonnattan Benites de Conceicao, Federico Falcone (Valletta).

**1** – Terence Agius, Alfred Effiong, Lydon Micallef (Balzan); Cain Attard, Edward Herrera, Vito Plut, Gareth Sciberras, Ryan Scicluna, Frank Temile (Birkirkiara); Steve Pisani, Amadou Samb (Floriana); Roberto de Pinho de Souza (Gzira U.); Haruna Zambuk Garba, Jake Grech, Jorge Mesqueu Neto (Hamrun S.); Jurgen Degabriele (Hibernians); Victor Lucky Oseghali, Njongo Doding Priso, Martin Vleck (Mosta); Luke Montebello, Asani Djelili (Pembroke A.); Godwin McKay, Kyrian Nwoko (St Andrew's); Daniel Ponce De Leon Garcia (Tarxien R.); Ian Azzopardi, Roderick Briffa, Llywelyn Cremona, Romeo Romao (Valletta).

**Auto-Goals** (3) – Brandon Muscat (Pembroke A.) v Floriana 1-2; Ryan Camilleri (Valletta) v Sliema W. 2-1; Steve Bezzina (Balzan) v Pembroke A.) 2-1.







**(Fuq) Frank Temile (Birkirkara) attakkat minn Sergio Raphael Dos Anjos (Hamrun S.) (Fin-nofs) Taqtiegha ghall-ballun bejn Kyrian Nwoko (St Andrew's) u Ebiabowei Baker (Tarxien R.) u (Isfel) Anderson de Barros (Balzan) jiddefendi l-ballun minn Jurgen Pisani (Floriana)**

## I Round

**Loghba Nru 07 - 26.08.2016 - 18.30 hrs**

**Tarxien Rainbows** 0

**Birkirkara** 4

V. Plut 3, S. Dimitrov 17, F. Temile 63, G. Sciberras 67

HT 0-2 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar, 2-Ebiabowei Baker, 7-Triston Caruana (6-Julian Galea 58), 8-Daniel Ponce De Leon Garcia, 9-Alex Nilsson, 16-Sergio Fernandez Prendes, 17-Daniel Zerafa (4-Luke Zahra 68), 18-Alex Da Paixao Alves, 20-Joao Pedro Oliveira Santos, 21-Kurt Zammit, 22-Rogelio Antonio Van Horin Avila Filho (10-Ayrton Azzopardi 62)
**Coach** – Jacques Scerri
**Birkirkara** – 1-Miroslav Kopric, 4-Gareth Sciberras, 6-Matthew Guillaumier (29-James Brincat 69), 7-Mislav Anđelković (24-Rowen Muscat 84), 10-Srdan Dimitrov (13-Matteo Desira Buttigieg 76), 14-Vito Plut, 15-Nikola Vukanac, 17-Frank Temile, 19-Joseph Zerafa, 22-Cain Attard, 23-Predrag Jovic
**Coach** – Drazen Besek
**Referee** – Fyodor Zammit
**Assistenti** – Duncan Sultana, David Castillo
**Raba' Uff.** – Emanuel Grech
**Ammoniti** – A. Da Paixao Alves, S. Fernandez Prendes, J. P. Oliveira Santos (TR), C. Attard, N. Vukanac, V. Plut (B)

## I Round

**Loghba Nru 08 - 26.08.2016 - 18.30 hrs**

**Pembroke Athleta** 1

M. Regis Da Silva 27

**Balzan** 2

B. Kaljevic 6, 86

HT 1-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Pembroke A.** – 27-Matthew Calleja Cremona, 7-Brandon Muscat, 18-Oleksandr Maksymov (8-David Fenech 63), 9-Manolito Micallef, 4-Zoran Levnaic, 10-Paltemio Barbetti, 94-Mateus Regis Da Silva (21-Andrea Scozzese 82), 31-Jonathan Mariano, 6-Miguel Attard, 20-Adrian Borg, 14-Clifford Gauci
**Coach** – Winston Muscat
**Balzan** – 1-Christian Cassar, 86-Bojan Kaljevic, 16-Clive Brincat, 11-Steve Bezzina, 18-Anderson De Barros (6-Ryan Fenech 79), 8-Paul Fenech, 17-Alfred Effiong (9-Matteo Piciollo 46), 4-Justin Grioli, 7-Lydon Micallef, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 20-Terence Agius (30-Abdelkarim Nafti 62)
**Coach** – Oliver Spiteri
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Edward Spiteri, Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Etienne Mangion
**Ammoniti** – O. Maksymov, C. Gauci, A. Borg, M. Calleja Cremona (P), A. De Barros, R. Fenech (B)

## I Round

**Loghba Nru 09 - 26.08.2016 - 20.30 hrs**

**Mosta** 0

**Valletta** 1

Jhonnattann 54 pen

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Mosta** – 26-Manuel Bartolo,15- Adrian Caruana, 35-Chinedu Oweregbulam, 5-Dany Djouffacu, 23-Francis Chinatu Onwudinjo, 11-Kurt Magro (14-Dexter Xuereb 79), 27-Jaroslav Repa (19-Emerson Vella 89), 33-Martin Vleck, 10-Njongo Priso, 20-Victor Lucky Oseghale, 77-Zachary Brincat (8-Kyle Frendo 60)
**Coach** – Edmond Lufi
**Valletta** – 1-Henry Bonello, 2-Jonathan Caruana, 4-Steve Borg, 6- Juan Gill Cruz, 8-Santiago Malano (16-Jean Borg 83), 9-Michael Mifsud (24-Umeh Uchenna Calistus 79), 10-Roderick Briffa, 23-Claudio Pani, 25-Leandro Aguirre, 27-Jhonnattann Benites Da Conceicao, 90-Romeu Pericles Romao (21-Llywelyn Cremona 67)
**Coach** – Paul Zammit
**Referee** – Malcolm Spiteri
**Assistenti** – Luke Portelli, Martin Borg
**Raba' Uff.** – Glen Tonna
**Ammoniti** – J. Gill Cruz, L. Cremona, S. Borg (V), K. Magro (M)
**Tkeccew** – C. Oweregbulam 11 (M), C. Pani 42 (V)

## I Round

**Loghba Nru 010 - 26.08.2016 - 20.45 hrs**

**Sliema Wanderers** 0

**Hibernians** 1

C. Failla 34 pen

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Sliema Wanderers** – 25-Giuseppe Sarao, 2-Alex Muscat, 23-Gary Muir, 33-Stefano Bianciardi, 6-Clive Psaila, 17-Peter Xuereb, 4-Matias Muchardi, 7-John Mintoff (9-Aidan Friggieri 68), 14-Gabriel Aquilina (11-Salomon Wisdom 46), 10-Milos Galin, 30-Jean Paul Farrugia
**Coach** – John Buttigieg
**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias, 7-Jackson De Lima Siqueira (10-Andrew Cohen 81), 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla, 21-Renan Pimenta Telles, 19-Johann Bezzina, 33-Diosdado Mbele Mangue Mba (22-Joseph Mbong 46), 31-Jurgen Degabriele (14-Juan Manuel Varea 88), 20-Andrei Agius
**Coach** – Mark Miller
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Roberto Vella, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Stefan Pace
**Ammoniti** – G. Sarao, G. Muir, P. Xuereb (SW); D. Mbele, C. Failla, J. Bezzina (H)

## I Round

**Loghba Nru 011 - 27.08.2016 - 18.30 hrs**

**St Andrew's** 1

G. McKay 6

**Floriana** 3

M. Fontanella 47,S. Pisani 80, A. Samb 89

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**St Andrew's** – 12-Jake Galea, 15-Michael Johnson, 23-Karlo Kesinovic, 5-Che Bong Won (8-Ryan Darmanin 81), 13-Felix Okon Udoh, 3-Godwin McKay, 21-Ante Bakmaz (4-Dale Camilleri 67), 11-Joseph Farrugia, 10-Nenad Belacevic, 14-Kyrian Nwoko, 18-Ivan Edgardo Paz
**Coach** – José Borg
**Floriana** – 16-Justin Haber, 2-Andrè Scicluna (22-Alex Cini 60), 5-Enrico Pepe, 6-Enzo Ruiz, 8-Clyde Borrg, 9-Ignacio Varela, 11-Maurizio Vella (17-Steve Pisani 46), 77-Amadou Samb, 80-Nicolas Chiesa, 89-Mario Fontanella (20-Brooke Farrugia 83), 94-Ryan Camenzuli
**Coach** – Giovanni Tedesco
**Referee** – Stefan Pace
**Assistenti** – Mitchell Scerri, Sammy Attard
**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant
**Ammoniti** – I. E. Paz, M. Johnson (SA), A. Scicluna, S. Pisani (F)

## I Round

**Loghba Nru 012 - 27.08.2016 - 20.30 hrs**

**Hamrun Spartans** 1

J. Mesqueu Neto 66

**Gzira United** 1

A. De Queiroz Machedo Neto 38

HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Hamrun S.** – 1-David Cassar, 2-Philip Chircop (33-Sergio Raphael Dos Anjos 87), 3-Glenn Azzopardi, 23-Mark Anthony Borg, 9-Jean Pierre Mifsud Triganza, 15-Luke Sciberras, 6-Luke Grech, 17-Patrick Jean Teixeira Maia (27-Jorge Mesqueu Neto 42), 10-Jake Grech, 21-Ryan Spiteri (8 Leandro Wallace Motta Dos Santos 55), 99-Saturday Nanapere
**Coach** – Steve D'Amato
**Gzira U.** – 94-Jurgen Borg, 12-Joceano Da Silva Santos (20-Dyson Falzon 79), 5-Gianmarco Conti, 10-Rafael Ledesma, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 14-Moises Avila Perez, 23-Jacob Borg, 25-Souleymane Diamoutene, 44-Antonio De Queiroz Machedo Neto, 92-Yanis Tonna (16-Karl Pulo 60), 99-Robert De Pinho De Souza (9-John Nwoba 69)
**Coach** – Branko Nisevic
**Referee** – Trustin Farrugia Cann
**Assistenti** – William Debattista, Jurgen Spiteri
**Raba' Uff.** – Clayton Pisani
**Ammoniti** – C. Gatt Baldacchino, A. De Queiroz Machedo Neto, Jacob Borg, M. Avila Perez (GU), J. Mesqueu Neto, L. Sciberras (HS)

## I Round

**Loghba Nru 013 - 10.06.2016 - 18.00 hrs**

**Floriana** 0

**Balzan** 1

L. Micallef 88 pen

HT 0-0 **National Stadium**

**Floriana** – 16-Justin Haber, 2-Andre Scicluna (22-Alex Cini 41), 4- Antonio Monticelli, 5-Enrico Pepe, 6-Enzo Ruiz, 8-Clyde Borg (7-Steve Pisani 58), 9-Ignacio Varela (77- Amadou Samb 58), 17-Jurgen Pisani, 80-Nicholas Chiesa, 89-Mario Fontanella, 94-Ryan Camenzuli
**Coach** – Giovanni Tedesco
**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 86-Bojan Kaljevic (7-Lydon Micallef 74), 50-Bruno Gilio De Oliveira, 11-Steve Bezzina, 18-Anderson De Barros (10-Dylan Grima 46), 8-Paul Fenech, 17-Alfred Effiong, 4-Justin Grioli,30-Abdel Karim Nafti (20-Terence Agius 85), 23-Elkin Serrano Valero, 9-Matteo Piciollo
**Coach** – Oliver Spiteri
**Referee** – Glenn Tonna
**Assistenti** – Edward Spiteri u Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Eman Grech
**Ammoniti** – C. Borg, I. Varela, E. Pepe, S. Pisani (F), B. G. De Oliveira (B)

## I Round

**Loghba Nru 014 - 10.09.2016 - 18.00 hrs**

**Gzira United** 1

R. Pinho de Souza 16

**Sliema Wanderers** 0

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Gzira U.** – 94-Jurgen Borg, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 5-Gianmarco Conti, 10-Rafael Ledesma (10-John Nwoba,81), 11-Juan Carlos Corbolan, 12-Joceano da Silva Santos (8-Zachary Scerri 67), 14-Moises Avila Perez, 20-Dyson Falzon (23-Jacob Borg 76), 25-Souleymane Diamoutene, 44-Antonio Machedo Neto, 99-Robert de Pinho Souza
**Coach** – Branko Nisevic
**Sliema W.** – 25-Giuseppe Sarao, 2-Alex Muscat, 23-Gary Muir, 33-Stefano Biancardi (11-Salomon Wisdom 53), 5-Roger de Souza Villas Boas (14-Gabriel Aquilina 78), 17-Peter Xuereb, 4-Mathias Muchardi, 7-John Mintoff, 8-Mark Scerri, 10-Milos Galin, 30-Jean Paul Farrugia (9-Aidan Jake Friggieri 60)
**Coach** – John Buttigieg
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Alan Camilleri, Mitchell Scerri
**Raba' Uff.** – Duncan Sultana
**Ammoniti** – C. Gatt Baldacchino, A. Neto, R. Pino Souza (GU); M. Galin (SW)

## I Round

**Loghba Nru 015 - 10.09.2016 - 18.00 hrs**

**Valletta** 5

F. Falcone 7, 40, R. Romao 48, I. Azzopardi 77, Jhonnattan 78

**Pembroke Athleta** 1

A. Djeljilj 83

HT 2-0 **National Stadium**

**Valletta** – 29-Dziugas Barktus, 2-Jonathan Caruana (3-Ian Azzopardi 73), 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 8-Santiago Malano, 10-Roderick Briffa (24-Umeh Uchenna Calistus 34), 16-Jean Borg, 20-Federico Matias Falcone, 25-Leandro Aguirre, 27-Jhonnattann Benites Da Conceicao, 90-Romeu Pericles Romao (18-Jurgen Suda 79)
**Coach** – Paul Zammit
**Pembroke A.** – 1-Mario Muscat, 20-Adrian Borg (21- Andrea Scozzese 73), 4-Zoran Levnac, 14-Clifford Gauci (15-Tyrone Fenech 86), 7-Brandon Muscat, 21-Jhonatan Mariano, 6-Miguel Attard (Borce Manevski 60), 94-Mateus Regis Da Silva, 10-Paltemio Barbetti, 9-Manolito Micallef, 3-Asani Djeljilj
**Coach** – Winston Muscat
**Referee** – Esther Azzopardi
**Assistenti** – Sammy Attard u Peter Abela
**Raba' Uff.** – Etienne Mangion
**Ammoniti** – A. Djeljilj, C. Borg (PA)

## I Round

**Loghba Nru 016 - 10.09.2016 - 20.00 hrs**

**Hibernians** 3

Failla 42 pen, B. Kristensen 57, J. Degabriele 84

**Mosta** 1

N. Priso 89 pen

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias, 7-Jackson Lima, 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla, 21-Renan Telles (10-Andrew Cohen, 78'), 19-Johann Bezzina, 22-Joseph Mbong (14-Juan Manuel Varea, 77'), 31-Jurgen Degabriele, 20-Andrei Agius
**Coach** – Mark Miller
**Mosta** – 26-Emmanuel Bartolo, 13-Gabriel Bezak, 15-Adrian Caruana, 5-Dany Djoufack, 23-Francis Onwudinjo, 8-Kyle Frendo (14-Dexter Xuereb, 67'), 27-Jaroslav Repa (21-Neil Frendo, 88'), 77-Zachary Brincat (22-Antoine Borg, 67'), 10-Njongo Priso, 7-Edin Murga, 20-Lucky Oseghale
**Coach** – Edmond Lufi
**Referee** – Stefan Pace
**Assistenti** – William Debattista, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Malcolm Spiteri
**Ammoniti** – F. Onwudinjo, A. Caruana, N. Priso, J. Repa (M); J. Lima, M. Dias (H)

## I Round

**Loghba Nru 017 - 11.09.2016 - 18.00 hrs**

**St Andrew's** 1

K. Nwoko 53

**Tarxien Rainbows** 0

HT 0-0 **National Stadium**

**St Andrew's** – 22-Jake Galea, 10-Ante Bakmaz, 15-Michael Johnson, 16-Karlo Kosinovic, 13-Felix Udoh, 4-Dale Camilleri, 11-Joseph Farrugia, 7-Daniel Brandle, 14-Kyrian Nwoko (17-Jacob Walker 74), 8-Ryan Darmanin (5-Bong Won Che 68), 9-Ziga Kastrevec (18-Ivan Paz 87)
**Coach** – José Borg
**Tarxien R.** – 12-Philip Schranz, 2-Ebiabowei Baker, 7-Triston Caruana, 8-Daniel Ponce De Leon Garcia, 9-Alex Nilsson, 10-Ayrton Azzopardi (3-Matthew Brincat 37) (17-Daniel Zerafa 77), 15-Emerson Marcelina, 16-Sergio Fernandez Prendes, 18-Alex De Paixao Alves, 20-Joao Pedro Oliveira Santos (11-Dylan Micallef 61), 21-Kurt Zammit
**Coach** – Jacques Scerri
**Referee** – Trustin Farrugia Cann
**Assistenti** – Thomas Debono, David Castillo
**Raba' Uff.** – Clayton Pisani
**Ammoniti** – A. Bakmaz, F. Udoh, Z. Kastrevec (S), E. Baker, E. Marcellina (T)
**Tkeccew** – A. Bakmaz 67 (SA), E. Baker 88 (TR)

## I Round

**Loghba Nru 018 - 11.09.2016 - 20.00 hrs**

**Birkirkara** 2

C. Attard 12, J. Brincat 78

**Hamrun Spartans** 1

H. Garba 39

HT 1-1 **National Stadium**

**Birkirkara** – 1-Miroslav Kopric, 4-Gareth Sciberras, 7-Mislav Anđelković, 10-Srdan Dimitrov (20-James Brincat 76), 14-Vito Plut, 15-Nikola Vukanac, 17-Frank Temile, 19-Joseph Zerafa, 21-Ryan Scicluna (18-Shaun Pierre Bajada 66), 22-Cain Attard, 23-Predrag Jovic (27-Steven Bonnici 83)
**Coach** – Drazen Besek
**Hamrun S.** – 1-David Cassar, 2-Philip Chircop, 3-Glenn Azzopardi, 19-Haruna Zambuk Garba, 33-Sergio Raphael Dos Anjos, 15-Luke Sciberras, 95-Massimiliano Giusti, 8-Leandro Wallace Motta Dos Santos (9-Jean Pierre Mifsud Triganza 76), 10-Jake Grech, 27-Mesqueu Neto Jorge, 99-Saturday Nanapere (30-Darren Falzon 85)
**Coach** – Steve D'Amato
**Referee** – Malcolm Spiteri
**Assistenti** – Luke Portelli, Martin Borg
**Raba' Uff.** – Glen Tonna
**Ammoniti** – Hadd




RITRATTI: CHRISTINE BORG u DOMINIC BORG

# VALLETTA



# BIRKIRKARA




# BALZAN




# HIBERNIANS

minn **Joe Micallef (Segretarju Ġenerali tal-Youth FA)**




## Jitqassmu l-unuri mirbuħa fil-Kampjonati APS Bank Staġun 2015/16

## Global Security - Jinvestu f'Boards edukattivi li ser jitwaħħlu fil-grounds fejn jinżamm il-logħob tal-Youth FA

## Interessanti bħal dejjem is-seminar annwali ta' qabel l-istaġun

– il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, jagħmel appuntament man-nurseries għal nofs l-istaġun fejn ser jisma' l-vuċijiet tan-nurseries biex jitfassal programm għall-Youth Sector

Matul ix-xahar ta' Awwissu l-Assoċjazzjoni kienet impenjata b'żewġ attivitajiet annwali, dawk tal-Annual Presentation Night u s-Seminar Annwali għall-amministratturi, head-coaches u coaches.

Iż-żewġ attivitajiet inżammu f'The Palace Hotel, tas-Sliema, fejn il-Presentation Night għall-istaġun 2015/16 inżammet, nhar il-5 ta' Awwissu.

Apparti l-unuri prinċipali ta' kull staġun, matul din is-serata spikkaw l-għoti għall-ewwel darba ta' 'The Youth FA Merit Award', lis-Sinjuri Joe Cachia, Godfrey Pecorella u Francis Zammit - tliet persuni li matul is-snin kienu ta' kontribut kbir fil-ħidma tagħhom. Kif kien imħabbar waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' din is-sena, il-president kien ħabbar li l-Assoċjazzjoni kienet ser tkun impenjata taħdem lejn l-edukazzjoni ta' dawk li jsegwu l-logħba tal-Youth FA mill-qrib, fosthom il-ġenituri, il-partitarji, il-coaches u l-amministratturi.

L-Assoċjazzjoni tħoss li trid tibdel il-mentalità ta' kif dawk li jsegwu l-logħob tal-Youth FA, jagixxu f'diversi

ċirkostanzi mingħajr fanatiżmu żejjed, jew aspettazzjonijiet żejda. Biex tintlaħaq parti minn dan il-kunċett, l-Assożjazzjoni sabet lill-kumpanija GLOBAL Security, li ser tkun partner f'din l-istrateġija tal-Youth FA għal dawn is-sentejn b'boards edukattivi li ser jitwaħħlu ġewwa l-grounds fejn jinżamm il-logħob tal-Youth FA.

Inizjattiva ferm sabiħa li bħal ma qal il-president waqt id-diskors tiegħu, j'Alla jkun hemm aktar azjendi li jinvestu fl-edukazzjoni biex verament nibdew naraw tibdil minn kull att fil-logħba. Min-naħa tiegħu, is-Sur Mario Cardona, Direttur tal-Kumpanija GLOBAL Security qal, li kien dover li l-kumpanija tinvesti fl-edukazzjoni eżemplari għal dawk li jkunu preżenti fil-grounds tal-YFA.

Matul l-istess serata, l-APS Bank, sponsors uffiċjali tal-Kampjonati U15 u U17, qassmu d-diversi trofej lir-rebbieħa tad-diversi sezzjonijiet. Is-sur Noel McCarthy ħabbar kif l-APS Bank qed jistudja l-possibbiltá li jkompli jgħin liż-żgħażagħ permezz ta' dawn il-kampjonati. Dan billi jkompli jġedded l-isponsor tiegħu għal tliet staġuni oħra, kif għamel matul dawn l-aħħar 14-il sena.

Fost id-diversi mistiedna għal din l-okkażjoni kien hemm iż-żewġ viċi-presidenti tal-MFA, Ludovico Micallef u Alex Manfré, kif ukoll is-segretarju ġenerali tal-MFA, Bjorn Vassallo, li fit-tmiem għamel diskors fejn ħeġġeġ lin-nurseries biex ikomplu jaħdmu filwaqt li qal li l-MFA hija kburija bil-ħidma tan-nurseries li huma l-pilastri flimkien maċ-Ċentru Tekniku, biex ikompli jogħla l-livell tal-football f'pajjiżna. Preżenti wkoll kien hemm Robert Gatt, Direttur tekniku tal-MFA kif ukoll rappreżentanti tal-APS Bank, fost mistiedna oħra.

Nhar is-Sibt, 27 ta' Awwissu, inżamm l-Annual Seminar, fejn staġun wara ieħor qed jikber fl-interess tiegħu bid-diversi suġġetti varji, li kollha huma mportanti fil-ħidma ta' kull nursery. Il-president tal-Assożjazzjoni, Fr Hilary, fid-diskors tiegħu spjega kif l-Assożjazzjoni ser tkompli tinvesti fl-edukazzjoni tal-amministraturi kif ukoll fl-edukazzjoni immirata lejn il-ġenituri, il-players, u coaches. Huwa ħeġġeġ biex numru sabiħ ta' amministraturi għandhom japplikaw għall-programm Erasmus + fejn għaxar amminstraturi minn nurseries differenti jiġu magħżula skond il-kriterji mitluba biex jaqsmu esperjenza ta' tagħlim ġewwa l-Iskozja, f'Marzu, 2017.

Fr Hilary, qal li ser ikun obbligu ta' kull kandidat li meta jiġi lura jrid iġib miegħu esperjenzi ġodda u jintroduċihom fin-nursery tiegħu u oħrajn. Semma' wkoll il-boards edukattivi li ser jitwaħħlu fil-grounds fejn jinżamm il-logħob tal-Youth FA kif kien imħabbar waqt l-Annual Presentation Night, kif ukoll dwar il-film forum, fejn ser jiġu mistiedna ġenituri, players u coaches biex jieħdu sehem fid-diskussjoni.

Is-Sinjorina Anthea Xuereb, Communications Officer tal European Union Programmes Agency (EUPA), għamlet preżentazzjoni kif in-nurseries jistgħu japplikaw għal diversi programmi li jiġu offruti kull sena, filwaqt li faħħret l-inizjattiva tal-Youth FA, li l-proġett tagħha ġie magħżul biex jitwettaq matul is-sena 2017. Kienet sezzjoni tajba ferm, dik preżentata mis-Sinjorina Stephanie Rocco, li spjegat fid-dettal il-programm proviżorju ta' Skozja bħala parti mill-programm Erasmus+, kif ukoll ġew maħruga l-applikazzjonijiet *on line*, għall-amministraturi. Hija qalet li din il-kisba kienet importanti għall-Youth FA u nurserires affiljati, għaliex ser jingħataw l-opportunitá li jaqsmu u jiddiskutu l-ħidma tagħhom ma oħrajn fejn huma aktar professjonali.

Kienu mistiedna wkoll Dr Roberta Lepre u s-Sinjorina Isotta Rossini, mill Victim Support Unit, fejn ippreżentaw sitwazzjonijiet differenti li jistgħu jiltaqgħu magħhom in-nurseries permezz ta' programm 'Together againist bullying'. Dan il-programm ser jitkompla b'laqgħat fin-nurseries għall-ġenituri, coaches u amministraturi.

Is-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzoni ippreżenta *web portal* ġdid għan-nurseries bi skop li jkun hemm

**HONORS 2015/2016**

| APS BANK LEAGUE U15 | |
|---|---|
| Sec D Runner up | ZEJTUN |
| Sec D Winners | ZEBBUG |
| Sec C 2 Runner up | MELLIEHA |
| Sec C 2 Winners | MSIDA |
| Sec C 1 Runner up | PEMBROKE |
| Sec C 1 Winners | FLORIANA |
| Sec B Runner up | MELITA |
| Sec B Winners | VALLETTA |
| Sec A Runner up | ST ANDREWS |
| Sec A Winners | PIETÁ |

**APS BANK LEAGUE U17**

| | |
|---|---|
| Sec D Runner up | GHAXAQ |
| Sec D Winners | BIRZEBBUGIA |
| Sec C 2 Runner up | ZEJTUN |
| Sec C 2 Winners | FGURA |
| Sec C 1 Runner up | QORMI |
| Sec C 1 Winners | MELITA |
| Sec B Runner up | SLIEMA |
| Sec B Winners | ST ANDREWS |
| Sec A Runner up | MOSTA |
| Sec A Winners | HAMRUN |

**THE PLAY FAIR AWARD**

| | |
|---|---|
| U15 Winners | FLORIANA |
| U17 Winners | KALKARA |

**THE Y.F.A MOST PROMISING YOUNGSTER**

| | |
|---|---|
| U 15 | CLYDE BOUVET (PIETA) |
| U 17 | MARCUS GRIMA (ST ANDREWS) |

**THE YOUTH YFA KNOCK-OUT U15**

| | |
|---|---|
| FINALIST | BIRKIRKARA |
| WINNER | PIETA |

**THE YOUTH YFA KNOCK-OUT U17**

| | |
|---|---|
| FINALIST | SLIEMA |
| WINNER | HAMRUN |

**THE Y.F.A MERIT AWARD**

CACHIA JOE
PECORELLA GODFREY
ZAMMIT FRANCIS

aktar komunikazzjoni bejn in-nurseries kollha, filwaqt li jkun aċċertat li kull korrispondenza, jew informazzjoni tkun qed tasal fl-istrutturi proprja tan-nursery.

Id-Direttur Tekniku, Robert Gatt, tkellem dwar id-diversi ħidmiet matul dawn l-aħħar sitt snin, fir-riforma tal-Youth Football, fejn qal li forsi kien hemm min kien jaħseb li kien impossibbli li jitwettqu tibdiliet u jiddaħħlu strutturi ġodda. Huwa semma' l-aħħar proġett dak dwar l-Elite Nurseries, liema programm pilota ser jidhol fis-seħħ minn dan l-istaġun.

Kienu tmien nurseries li kellhom il-kriterji meħtiega biex jidħlu fil-pool ta' dan il-programm pilota, filwaqt li mhux qed jingħalaq iċ-ċans, li jekk ikun hemm aktar nurseries li jilħqu l-kriterji meħtieġa jiżdiedu fil-lista.

Il-Head of Coaching tal-MFA, Stephen Grima, ta spjegazzjoni dwar kif ser jaħdmu dawn l-Elite Nurseries, filwaqt li spjega wkoll l-obbligi tekniċi li jridu jimxu bihom il-head coaches.

Finalment, Stewart Said, spjega fid-dettal diversi statistika miġbura mill-kampjonati tal-Youth FA tal-istaġun 2015/16, liema statistika hija mportanti li tkun f'idejn kull nursery, għaliex biha jistgħu joħorġu sinjali dwar il-pożizzjoni tan-nursery u fejn tista' tkun fi ftit staġuni oħra. Dan apparti li hija kullana ta' nformazzjoni li, bla dubju, hija validissima għal kull nursery.

Il-president tal-MFA, Norman Darmain Demjao żamm l-appuntament tiegħu ta' kull sena fejn kien preżenti u għalaq dan is-seminar. Filwaqt li qal li jipprova li ta' kull sena jkun preżenti, jemmen li l-futur tal-football Malti jinbena fuq dak li għandhom in-nurseries illum, u kif proprju għalhekk l-MFA tagħti mportanza kbira lis-settur taż-żgħażagħ, lill-YFA u lin-nurseries.

Il-president qal li l-MFA trid tkompli tinvesti f'dan is-settur, u għaldaqstant għamel stedina lin-nurseries preżenti li f'nofs l-istaġun kien sejjer isejjaħ laqgħa oħra biex fiha, mingħajr l-ebda agenda, in-nurseries ikunu jistgħu jressqu l-ideat tagħhom biex finalment dan iwassal li l-MFA tkun tista' tfassal programm aħjar għal dan is-settur maħruġa fuq ir-realtajiet tan-nurseries.













# Help hearts run smoothly

THIAMIN CONTRIBUTES TO NORMAL HEART




ATERONON®

FROM THE TOMATO PILL COMPANY

Uniquely absorbable, highly effective LactoLycopene

**ONE-A-DAY food supplement**

Available from all leading pharmacies

atg medical innovations

ritratti **Roger Azzopardi**




Qaddiefa u partitarji tal-Marsa jiċċelebraw ir-rebħ tax-Shield tar-Regatta tal-Vitorja għat-tielet darba konsekuttiva

# Marsa jirbħu l-Aggregate Shield għat-tielet darba nfila

## Bormla jirbħu Kategorija B

Marsa rebħu x-Shield tar-Regatta tal-Vitorja għat-tielet darba konsekuttiva tal-Kategorija Open filwaqt li Bormla rebħu dik ta' Kategorija B.

Fil-Kategorija Open, kellna bidu kważi bħal tas-sena l-oħra meta fl-ewwel żewġ postijiet daħlu d-dgħajjes tal-Marsa u tal-Isla bl-eċċezzjoni li fit-tielet post daħlet l-opra tal-Birgu minflok dik ta' Bormla.

It-tieni tiġrija kienet dik tal-Frejgatini li ġiet mirbuħa minn Bormla, f'ħin ta' 6 minuti u 52 sekondi, filwaqt li Senglea u Birżebbuġa daħlu fiż-żewġ pożizzjonijiet sussegwenti.

Filwaqt li Birżebbuġa ħadu l-ewwel punti u Marsa naqsu li jipplejsjaw, sat-tieni tiġrija l-Isla laħqu lill-Marsin fil-quċċata b'20 punt, grazzi għaż-żewġ dgħajjes li spiċċaw fit-tieni post.

Iżda, fit-tiġrija tad-dgħajjes tal-Pass ta' bi Tnejn, l-ekwipaġġ tal-Marsa wera l-potenzjal tiegħu biex rebaħ f'ħin ta' 5 minuti u 38 sekonda ... u b'hekk il-Marsin fetħu vantaġġ sostanzjali ta' 14-il punt fuq l-Isla hekk kif sa din it-tiġrija tellgħu total ta' 40 punt. Maqtugħin fit-tielet post kienu Bormla u Marsamxett bi




Qaddiefa u partitarji ta' Bormla jiċċelebraw ir-rebħ tax-Shield ta' Kategorija B

12-il punt.

Iżda filwaqt li fit-tiġrija tal-Kajjiki, Marsa ma pplejsjawx u l-Isla daħlu fl-ewwel post f'ħin ta' 6 minuti u 29 sekondi, dawn tal-aħħar naqqsu d-distakk għal żewġ punti biex kollox kien għadu miftuħ għall-aħħar tiġrija - dik tad-Dgħajjes tal-Pass.

U propjru kienu Marsa li ħarġu rebbieħa f'ħin ta' 5 minuti u 14-il sekonda, segwiti mill-opra ta' Bormla u dik tal-Isla rispettivament biex tellgħu total finali ta' 64 punt.

F'Kategorija B kienu Bormla li bdew tajjeb meta rebħu dik tal-Pass ta' bi Tnejn f'ħin ta' 5 minuti u 59 sekondi, segwiti mill-Marsa u l-Isla rispettivament.

Meta saret it-tieni tiġrija, dik tal-Kajjikki, Bormla baqgħu jżommu l-vantaġġ tal-punti meta daħlu fit-tielet post wara l-Isla u l-Kalkara, biex sa dak il-ħin kellhom 24 punt, bir-rivali l-Isla jirreġistraw 18-il punt.

Fit-tiġrija tad-dgħajjes tal-Midalji, kienu Bormla li daħlu fl-ewwel post, f'ħin ta' 4 minuti u 50 sekonda, biex bnew vantaġġ ta' 20 punt fuq l-eqreb rivali u għaldaqstant għamlu pass kbir għar-rebħ tax-Shield. Sat-tielet tiġrija huma kellhom 44 punt filwaqt li l-Isla u l-Marsa kienu qed jaqsmu t-tieni post b'24 punt kull wieħed.

L-Isla rebħu t-tiġrija tal-Frejgatini, f'ħin ta' 6 minuti u 49 sekondi, biex daħlu f'taqtiegħa ferm interessanti għar-rebħ tax-Shield meta naqqsu d-distakk għal tmien punti fil-konfront tal-leaders Bormla.

Iżda kienu dawn tal-aħħar li rebħu x-Shield wara li spiċċaw fit-tieni post fit-tiġrija ta' Dgħajjes tal-Pass, wara l-Marsa li temmew fl-ewwel post, f'ħin ta' 5 minuti u 24 sekondi, biex fil-klassifika ġenerali, Marsa qabżu lill-Isla fit-tieni post.

## Riżultati u Klassifiki

**Kategorija A**

**Dgħajjes tal-Midalji**
1. Marsa 4'41"(20 punt); 2. Isla (12); 3. Birgu (6)

**Frejgatini**
1. Bormla 6'52" (12); 2. Isla (8); 3. Birżebbuġa (4)

**Tal-Pass ta' bi Tnejn**
1. Marsa 5'38" (20); 2. Marsamxett (12); 3. Isla (6)

**Kajjikki**
1. Isla 6'29" (12); 2. Birgu (8); 3. Marsamxett (4)

**Tal-Pass ta' b'Erbgħa**
1. Marsa 5'14" (24); 2. Bormla (16); 3. Isla (8)

**Klassifika Final**: Marsa 64 punt; Senglea 46; Bormla 28; Marsamxett 16; Birgu 14; Birżebbuġa 0

**Kategorija B**

**Tal-Pass ta' bi Tnejn**
1. Bormla 5'59" (20 punt); 2. Marsa (12); 3. Isla (6)

**Kajjikki**
1. Isla 6'34" (12); 2. Kalkara (8); 3. Bormla (4)

**Dgħajjes tal-Midalji**
1. Bormla 4'50" (20); 2. Marsa (12); 3. Isla (6)

**Frejgatini**
1. Isla 6'49" (12); 2. Marsa (8); 3. Birgu (4)

**Tal-Pass ta' b'Erbgħa**
1. Marsa 5'24" (24); 2. Bormla (16); 3. Isla (8)

**Klassifika Final**: Bormla 60 punt; Marsa 56; Isla 44; Kalkara 8; Birgu 4; Birżebbuġa 0; Marsamxett 0.







*Ritratt fuq*
L-Isla jirbħu t-tiġrija tal-Frejgatini tal-Kategorija B

*Ritratt nofs*
Marsa jirbħu t-tiġrija tal-Pass ta' b'Erbgħa tal-Kategorija B

*Ritratt isfel*
L-Isla jirbħu t-tiġrija tal-Kajjikki tal-Kategorija A

Minn Oliver Attard




# Sewwieqa Maltin jikkompetu b'suċċess fil-hillclimb f'Ragusa

Tmien sewwieqa Maltin, membri tal-Island Car Club - Malta, ikkompetew b'suċċess fil-hillclimb, ġewwa Ragusa, fi Sqallija. Din kienet id-59 tellieqa, f'Chiaramonte Gulfi. Is-sewwieqa kienu Joe Anastasi, b'Mini Cooper 1500cc, Darren Camilleri, b'Reynard 903 Suzuki 1300cc, Edward Calleja, b'Lotus Elise Honda 2000cc, James Dunford, b'Radical PR6 Suzuki 1400cc, Jesmond Mangion b'Lotus Elan Cosworth 2000cc, u ibnu Ryan Mangion, b'Ford Escort Mk1 Turbo 1600cc, Mark Micallef b'Radical Club Sport Suzuki Turbo u Noel Galea b'Escort MK2 Vauxhall 2000cc

It-tiġrija ġewwa Chiaramonte, offriet sfida ferm ikbar minn dik li s-sewwieqa huma mdorrijin biha ġewwa pajjiżna peress li l-itwal triq li għandna Malta hija ta' 1.2 kilometru, filwaqt li dik ta Chiaramonte hija ta 5.5 kilometru. Parti zgħira mill-istess triq hija fil-fatt niżla, f'parti minnha s-sewwieqa jgħaddu minn fuq pont u meta toqrob lejn it-tmiem, it-triq tidjieq ħafna. Il-karozzi jridu jkunu pruparati għal triq ta' dan it-tul kif ukoll il-konċentrazzjoni tas-sewwieq trid tkun fil-massima tagħha. Ix-sewwieqa Maltin ikkompetew f'diversi klassijiet flimkien ma' madwar 200 sewwieq Taljan.

Din m'hijiex l-ewwel darba li sewwieqa Maltin telgħu għal din it-tellieqa ġewwa Ragusa u kellhom xi suċċessi fil-klassijiet u fil-gruppi tagħhom proprju bħal ma ġara din is-sena. James Dunford temm fit-tielet post fil-Klassi E2SS 1600, filwaqt li Joe Anastasi, Ryan Mangion, Mark Micallef, u Darren Camilleri spiċċaw l-ewwel fil-Klassijiet rispettivi tagħhom. Ryan Mangion spiċċa l-ewwel fil-grupp u Mark Micallef ġie fil-11-il post mis-sewwieqa kollha meta rreġistra ħin ta' 2.46 minuti.

It-tellieqa ġiet organizzata b'mod professjonali mit-Team Palike ta' Palermo, fejn ta' min jgħid li l-Maltin jiġu milqugħa ferm tajjeb mill-istess organizzaturi u kompetituri oħra. Biex ikunu jistgħu jsuqu f'din it-tellieqa barra minn xtutna, is-sewwieqa Maltin kellhom jakkwistaw liċenzja għas-sewqan kompetittiv kif ukoll passaport tekniku għall-vetturi tagħhom mill-Federazzjoni Maltija tal-Motorsport.

Team ta' produzzjoni tal-programm **Motorsmt** tela' jiffilmja dan l-avveniment fi Sqallija. **Motorsmt** huwa programm kollhu ddedikat għall-

motorsport Malti li ser jibda jintwera fuq TVM2HD, min-nhar il-Ħamis, 6 ta' Ottubru, fis-7:30 pm.

Sadanittant, is-Sur William England, li bħalissa qed jikkontesta il-pożizzjoni ta' viċi-president tal-Federazzjoni Maltija tal-Motorsport, indirizza konferenza stampa ġewwa it-trakka tal-kwart ta' mil tal-Assocjazjoni Maltija tad-Drag Racing, aktar kmieni dan ix-xahar. Is-Sur England kien akkumpanjat minn numru ta' uffiċjali oħra minn clubs affiljati mal-Federazzjoni.

Is-Sur England spjega li wara taħriġ li ħadu sehem fih numru ta' uffiċjali ta' clubs Maltin mingħand professjonisti fil-qasam tal-motorsport kemm mill-Ingilterra kif ukoll mill-Italja, issa wasal iż-żmien li dawn l-uffiċjali jilqgħu l-istedina ta' direttur tat-tlielaq ta' esperjenza kbira fi ħdan l-ACI Sport tal-Italja sabiex jitilgħu josservaw l-andament ta' tellieqa ġewwa Mount Erice fi Trapani, vicin Palermo, fi Sqallija.

Dan ser iseħħ sabiex dawn l-uffiċjali li diġá għandhom numru ta' snin ta' esperjenza ġewwa pajjiżna, ikomplu jtejbu l-għarfien tagħhom fl-immaniġġjar u fis-sigurtá ta' trakki. L-uffiċjali huma William England, Luke Bajona, Geoffrey Pulis, Ruben Hili, Charles Galea, Albert Zerafa, Tonio Mizzi u Chris Aquilina

Erba' membri mill-Island Car Club ser ikunu f'Mount Erice biex jikkompetu fl-istess avveniment bil-vetturi tagħhom. Dawn huma Noel Galea fuq Ford Escort MK2 2000, Jesmond Mangion fuq Lotus Elan BDA 2000, Ryan Mangion fuq Ford Escort MK1 1600 Turbo u Joe Anastasi fuq Mini Cooper 1500.

L-avveniment ġie sponsorjat min Signature Brands u England Insurance.









SNOOKER & POOL




# Riżultati sodisfaċenti fil-Kampjonati tas-snooker tat-timijiet u tas-6 Red



Alex Borg u Brian Cini

minn **Kevin J. Vella**

It-team Malti tas-Snooker, kompost minn Brian Cini u Alex Borg, ħa sehem fil-Kampjonati Mondjali tas-snooker tat-timijiet fil-kategorija tal-irġiel. Dan wara li rebħu l-Kampjonati Ewropej, f'Ġunju, fil-Litwanja. Min-naħa tiegħu Brian Cini ħa sehem fil-kampjonat tas-6 Red fil-kategorija tal-irġiel. Ta' min jgħid li Alex Borg ma setax jieħu sehem f'dan tal-aħħar minħabba li kien qed jilgħab fil-Main Tour tal-World Professional Billiards and Snooker Association.

Dawn il-kampjonati saru f'Sharm el Sheikh, fl-Eġittu, bejn l-20 u t-30 ta' Lulju, li għadda. Fil-kampjonat tat-timijiet ħadu sehem 101 team minn 27 pajjiż mqassma fi tliet kategoriji - 65 team f'dak tal-irġiel, 12 f'tan-nisa u 24 fil-masters. It-team Malti ttella' fi Grupp D flimkien ma' Eġittu #3, Eġittu#17, Iran#3 u l-Afrika t'Isfel.

Minkejja li rebħu l-logħob kollu tal-grupp, huma spiċċaw fit-tieni post wara t-team tal-Iran#3 li kellhom differenza fil-frames aħjar mit-team Malti.

Il-Maltin komplew bil-prestazzjoni pożittiva tagħhom meta fl-Aħħar 32 għelbu lil Eġittu 9 bl-iskor ta' 3-1 u lill-Indja 6 bil-punteġġ ta' 3-2 fl-Aħħar 16. Wara 14-il rebħa konsekuttiva, 8 fil-Kampjonati Ewropej u 6 f'dawn mondjali, Cini u Borg tilfu fil-kwarti tal-finali 4-2 kontra ċ-Ċina.

Fis-semi-finali, Ċina għelbu lill-Indja 9, 4-0 filwaqt li Iran 1 għelbu lil Wales 4-2. Il-finali tal-kategorija tal-irġiel intrebħet mit-team Iranjan li rebaħ lit-team Ċiniż 5-2. Ir-rebbieħa tan-nisa kienu Hong Kong li għelbu lil Indja 1 bil-punteġġ ta' 4-3 filwaqt li dawk tal-masters intrebħu mit-Tajlandja li għelbu lill-Indja 5-1.

Fil-kampjonati tas-6 Red, Brian Cini rebaħ tlieta mill-erba' logħbiet li kellu fi grupp F u spiċċa l-ewwel fil-grupp. Fl-Aħħar 64, Cini rebaħ lil Chi Wai Au ta' Hong Kong 4-2. L-avventura tiegħu intemmet fl-Aħħar 32 meta safa' megħlub minn Mohammed Rais Senzahi tal-Afghanistan 4-2. Il-finali tal-irġiel intrebħet minn Darren Morgan ta' Wales bl-iskor ta' 6-4 kontra Chau Hon Man ta' HongKong.

Dik tan-nisa ntrebħet minn Siripaporn Nuanthakhamjan tat-Tajlandja meta għelbet lil Vidya Pillai tal-Indja 4-0.

Il-parteċipazzjoni tat-team Malti f'dawn il-kampjonati kienet possibbli bl-għajnuna ta' SportMalta u l-Malta Billiards and Snooker Association.



# Ali Carter
## jirbaħ il-World Open

Wara assenza ta' sena, il-World Open reġa' ġie organizzat mill-World Snooker. Din is-sena intlagħab f'Yushan, fiċ-Ċina eżattament fil-Yushan Number One Middle School, bejn il-25 u l-31 ta' Lulju. Fil-final, Ali Carter rebaħ lil Joe Perry 10-8 biex b'hekk ħa s-somma ta' £90,000 u reġa' kiseb postu mal-ewwel 16-il player tad-dinja. Dan kien ir-raba' titlu fil-karriera ta' Carter li għandu 37 sena. Wara nuqqas ta' parteċipazzjoni minħabba sitwazzjonijiet ta' mard li għadda minnhom, huwa rnexxielu jirbaħ il-*Paul Hunter Classic* tas-sena l-oħra. Id-determinazzjoni ta' dan il-player għandha tkun ta' ispirazzjoni u tama għal ħafna nies li jinsabu għaddejjin minn sitwazzjonijiet simili.

B'din ir-rebħa, Carter ġie aċċertat post fiċ-Champion of Champions f'Novembru, f'Coventry, l-Ingilterra u possibilment anke fil-World Grand Prix u l-Players Championship aktar tard matul l-istaġun.

Joe Perry, li kien qed jieħu sehem fir-raba' finali tal-karriera tiegħu ma rnexxielux jagħti l-istess prestazzjoni li kien ta fis-semi-finali l-ġurnata ta' qabel meta għeleb l-isfida ta' Neil Robertson 6-2. Perry ħa t-tieni premju ta' £40,000 u baqa' jokkupa l-11-il post tar-rankings mondjali. Min-naħa tiegħu Allister Carter, fis-semi-finali għeleb lil Thepchaiya Un-Nooh 6-1.

### Kampjonat Mondjali U18 u U21

# Brian Cini u Chris Peplow jirrappreżentaw lil Malta fil-Belġju

L-assocjazzjoni tal-Billiards u Snooker Belġjana ospitat il-Kampjonati Mondjali tas-snooker ta' taħt it-18 u l-21 sena, fil-belt ta' Mol, bejn is-16 u l-25 ta' Awwissu.

Malta kienet rappreżentata f'dak ta' taħt il-21 sena minn Brian Cini u Chris Peplow. Iż-żewġ players għaddew mill-gruppi rispettivi tagħhom. Cini spiċċa l-ewwel fi Grupp S meta rebaħ l-erba' logħbiet li kellu fejn tilef biss frame wieħed. Min-naħa l-oħra, Peplow ġie fit-tieni post ta' Grupp L meta rebaħ tlieta mill-erba' logħbiet.

Fil-fażi tal-Aħħar 64 , Chris Peplow għeleb lil Shane Bates tal-Irlanda 4-0 filwaqt li Brian Cini tilef kontra Ka Wai Cheung ta' Hong Kong 4-1.

Ta' min jgħid li f'din il-logħba, Cini kien xi daqsxejn sfortunat meta żviluppatlu ħsara fl-istikka, iżda Cheung ta wirja tajba ħafna meta għamel breaks ta' 61, 82, 88 u 51. Fl-aħħar 32, l-istess Cheung għeleb lil Chris Peplow f'logħba ferm missielta bil-punteġġ ta' 5-4.

Fis-semi-finali, Xu Si taċ-Ċina ħareġ rebbieħ fuq Lukas Kleckers tal-Ġermanja 5-2 filwaqt li Alexander Ursenbacher tal-Isvizzera għeleb lil Ka Wai Cheung 5-3. Fil-finali, Xu Si rebaħ lil Ursenbacher 6-5.

Fil-Kampjonati tat-tfajliet ta' Taht il-21 sena, Nutcharat Wongħaruthai tat-Tajlandja rebħet lill-kompatrijotta Siripaporn Nuarthakhamjan 5-4. Is-semi-finalisti kienu Varsha Sanjoev tal-Indja u Kamila Khodjaeva tal-Belġju.

Iż-żewġ tfajliet finalisti fil-kampjonati ta' Taħt il-21 sena kienu l-istess protagonisti fil-final ta' Taħt it-18-il sena. Din id-darba Siripaporn ħarġet rebbieħa 3-1. Siripaporn kienet rebħet il-kampjonat dinji tas-6 Reds tan-nisa f'Sharm-el-Sheik, f'Lulju li għadda.

Il-Kampjonati ta' taħt it-18-il sena ġew mirbuħa mill-player ta' Wales, Jackson Page, meta għeleb lil Yun Fung Tam ta' Hong Kong 5-4.

# Ding Junhui

## champion tad-dinja tas-6 Red



Ding Junhui sar champion tad-dinja tas-SangSom Six Red b'mod drammatiku wara li f'finali pjaċevoli għeleb lil Stuart Bingham 8-7 f'Bangkok, it-Tajlandja.

Din kienet it-tieni finali tad-dinja għal Ding, fl-2016, li patta għat-telfa 18-14 kontra Mark Selby fil-Crucible.

Iċ-champion tad-dinja tal-2015, Bingham, ma kienx tilef logħba fi triqtu għall-finali wara li rebaħ il-ħames logħbiet fil-grupp.

Min-naħa l-oħra Ding kellu jithabat biex jgħaddi għall-fażi tan-Knock-Out tant li kkwalifika mill-grupp bis-saħħa tad-differenza fil-frames.

Fil-finali, l-ewwel frame ssupera d-drama li kienet għadha ġejja hekk kif Bingham rebħu fuq is-sewda.

Madankollu Ding irrisponda bi breaks ta' 57 u 72 biex mar 3-1 minn fuq.

Bingham għamel rimonta bi breaks ta' 70 u 65, iżda kien il-player numru 9 tad-dinja, Ding, li mar viċin ir-rebħa wara li fetaħ vantaġġ ta' 7-5.

Però Bingham irrifjuta li jiġi megħlub tant li rebaħ iż-żewġ frames li kien imiss mingħajr ma Ding għamel punt hekk kif daħħal il-logħba fil-frame deċiżiv.

Hawnhekk iż-żewġ players kellhom l-opportunitajiet tagħhom u bħal fl-ewwel wieħed dan mar sal-aħħar sewda wkoll.

Kien Ding li ppottjaha biex kiseb l-ewwel titlu tiegħu tas-Six Red. "Ninsab kuntent li rbaħt. Il-kampjonat tas-Six Red huwa tournament speċjali u hija logħba li l-partitarji jħobbu jaraw," huwa Ding.

"Jien lgħabt bl-istil li nħobb nilgħab. Jekk kien hemm ċans, ridt immur għalih," temm jgħid Ding.

## Nofs Maratona ta' Għawdex

# Steve Chetcuti jirbaħ il-41 Edizzjoni




Steve Chetcuti

Il-41 edizzjoni tan-Nofs Maratona ta' Għawdex, attività sportiva li sabet ruħha fil-Kalendarju annwali tal-MAAA u tant imfittxija mill-atleti Għawdxin, Maltin u barranin, rat numru rekord ta' atleti li ħadu sehem din is-sena, kemm lokali kif ukoll internazzjonali li għamluha għal darba oħra waħda ta' suċċess. In-numru ta' parteċipanti kien ta' 633 fejn 106 kienu Għawdxin, 351 Maltin u 176 barranin li ġew minn 32 pajjiż differenti.

Din in-Nofs Maratona hija partikolari għall-fatt li tgħaddi minn diversi rħula u l-kampanja Għawdxija u dan ix-xenarju mill-isbaħ jkompli jżid mal-attrazzjoni sportiva. Pass importanti f'din l-edizzjoni kien l-isponsor ewlieni tat-Teamsport Malta biex żdiedu b'mod sostanzjali l-premjijiet.

Bħala mistieden speċjali, Teamsport ġabu lil Gelindo Bordin li huwa wieħed mit-*top management* tad-ditta internazzjonali *Diadora*, kif ukoll huwa rebbieħ tal-midalja tad-deheb fl-Olimpjadi ta' Seoul 1988, f'ħin ta' 2:10:32; tal-Maratona waqt il-Kampjonati Ewropej ta' Stuttgart tal-1986 f'ħin ta' 2:10:54; tal-Maratona ta' Ruma tal-1987 f'ħin ta' 2:16:03; tal-Maratona ta' Boston tal-1990 f'ħin ta' 2:08:19; tal-Maratona waqt il-Kampjonati Ewropej ta' Split tal-1990 f'ħin ta' 2:14:02 u tal-Maratona ta' Venezia fl-1990 f'ħin ta' 2:13:42.

Intant in-Nofs Maratona (13.1 mili) li hija l-aktar tiġrija prestiġjuża, intrebħet minn Steve Chetchuti (1:17:47) segwit minn Benoit Thuaire (1:18:36) u Matthew Cutajar (1:18:37) rispettivament. It-taqsima tan-nisa intrebħet minn Josann Attard Pulis (1:27:32) segwita minn Jacqueline Booker (1:39:12) u Cheryl Evans (1:40:05) rispettivament. L-ewwel Għawdxi kien Stefan Azzopardi (1:18:44) u l-ewwel Għawdxija kienet Amanda Rapa (1:43:09).

It-tiġrija tat-8 mili ntrebħet minn Charles Cilia (holder tar-rekords) f'ħin ta' 00:45:29, segwit minn Matthew Scicluna f'00:47:18 u Alexander Schembri f'00:47:42 rispettivament. Mit-taqsima tan-nisa l-ewwel post intrebaħ minn Doreen Camilleri f'00:55:22, segwita minn Francesca Arrigo 00:57:22 u Tara Abdilla (1:00:46) rispettivament. L-ewwel Għawdxi kien Daniel Pace (00:48:53) u l-ewwel Għawdxija kienet Felicienne Mercieca (1:00:47).

Apparti dawn it-tiġrijiet saru wkoll Fun Runs ta' 4km u 2km għal diversi atleti żgħar li uħud minnhom kienu anke akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom biex jagħmlulhom kuraġġ. Il-kumitat organizzattiv għandu f'moħħu li jkompli jkabbar din in-Nofs Maratona fejn fost l-aktar proġetti ambizzjużi għal sena oħra hi li tiġi ntrodotta sistema kompjuterizzata għal *finish-line*. Barra minn hekk, proġett ieħor għal sena oħra ser tinvolvi aktar propoganda mal-barranin fejn ser tiġi ntrodotta l-*Walkathon* għal dawk li ma jkunux iridu jidħlu għal ġirja tat-8 mili jew 13-il mil, kif ukoll anke għal dawk li jixtiequ jimxuha.

L-istess kumitat organizzattiv fi ħdan ix-Xagħra Youth Centre jixtiequ jirringrazzjaw lil Teamsport, Diadora, San Michel/Gatorade, Kunsill Lokali tax-Xagħra, Apco Pay and EFT Global, MTA, Visit Gozo, Gozo Sports Board, Hyundai, Gozo Express Services, Captured Memories, GBS, MB video editing u Victory Garage.

Radd ta' ħajr ieħor imur lill-Ministeru għal Għawdex, l-Arċipriet u s-Sindku tax-Xagħra, Xagħra Scout group, lill-Pulizija, Wardens, l-Emergency Response & Rescue Corps, lill MAAA, lill-atleti kollha, lill-membri tax-Xagħra Youth Centre u b'mod speċjali lill-mijiet ta' voluntiera żgħażagħ li kienu marshalls madwar ir-rotta u lill-grupp ta' żgħażagħ oħra fi ħdan il-kumitat li għenu bla heda fl-organizzazzjoni tal-Maratona.

Wieħed jista jikseb aktar tagħrif dwar riżultati u ħinijiet uffiċjali tal-maratona billi jżur il-website www.gozomarathon.org.

## Snooker & Billiards

# Jason Vassallo
## jiddomina x-xena lokali Għawdxija



Ir-rebbieħa kollha tal-Aurora Snooker

Jason Vassallo kompla jiddomina x-xena tal-Billiards u l-iSnooker f'Għawdex meta rebaħ it-tliet kompetizzjonijiet ewlenin li kienu organizzati mill-Gozo Billiards and Snooker Association ġewwa r-Rabat, għall-istagun 2015-16. Bħal fis-snin l-imgħoddija, il-Gozo Billiards and Snooker Association organizzat diversi kompetizzjonijiet għall-membri tagħha.

Fl-iSnooker Cup, kompetizzjoni li damet għaddejja għal tliet xhur bejn Novembru u l-aħħar ta' Jannar, il-finali rriżultat f'waħda ferm kumbattuta bejn żewġ protagonisti kbar fix-xena Għawdxija, Shaun Sultana u Jason Vassallo.

Fil-Premier Division, Jason Vassallo ħareġ rebbieħ meta fil-finali għeleb 6-2 lil Shaun Sultana. Emanuel Grech spiċċa champion tal-Ewwel Diviżjoni meta fil-finali ħareġ rebbieħ fuq James Sultana bil-punteġġ ta' 5-2. Din il-finali kienet ikkontrollata minn Kevin Cassar megħjun mil-marker Jason Portelli.

James Sultana kien promoss għall-Premier. Fit-Tieni Diviżjoni Anthony Scicluna għeleb lil Peter Bonello bl-iskor ta' 4-2, mentri Grazio Pisani spiċċa fit-tielet post. Anthony Scicluna ġie promoss għall-Ewwel Diviżjoni. Ir-rebbieħ tal-Gozo Snooker Cup 2016, fil-Kategorija Plate, Walter Mompalao, ħareġ rebbieħ meta fil-finali għeleb 3-1 lil Charles Camilleri.

Fil-Kategorija tal-Billiards, fil-Kampjonat Premier, Jason Vassallo reġa' għeleb l-isfida offruta minn Shaun Sultana meta għelbu bil-punteġġ ta' 600-515. Din il-finali kienet ikkontrollata minn Jason Portelli. Sultana kellu jikkuntenta b'ikbar break.

Kompetizzjoni oħra kienet il-Maratona organizzata b'risq l-Arka Foundation fejn hawn ħadu sehem players mill-Ewwel u mit-Tieni Diviżjoni fejn fil-finali ħareġ rebbieħ Michael Debattista 3-2 kontra John Zammit.

L-aħħar kompetizzjoni kienet dik tal-Gozo Snooker League 2016 fejn fil-finali li rriżultat f'maratona ta' logħob interessanti, rat żewġ finalisti denji, Jason Vassallo u Shaun Sultana jikkumbattu lil xulxin fi spirtu sportiv.

Din il-logħba tal-Premier kienet ikkontrollata minn Kevin Cassar megħjun mill-marker Jason Portelli fejn kienet waħda divertenti, milgħuba b'determinazzjoni u kuraġġ, fejn rat lil Jason Vassallo juri l-qawwa u l-esperjenza tiegħu fejn irnexxielu joħroġ rebbieħ bl-iskor ta 6-2 fuq l-avversarju Sultana.

Fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni, James Sultana ħareġ rebbieħ 5-3 kontra Emanuel Grech, filwaqt li fit-Tieni Diviżjoni, Anthony Scicluna għeleb fil-finali lil Chris Muscat 4-3, mentri fit-tielet post spiċċa Joseph Aguis.



# Negħlbu l-Ostakli bl-Isport

Malta-EU Steering & Action Committee

Minn James Azzopardi

Il-bniedem minn dejjem ħaseb f'modi ta' kif jista' jisfida l-limiti tal-kapaċità tiegħu. Dan japplika ħafna għall-qasam tal-isport, b'mod speċjali fejn jidħlu l-kompetizzjonijiet sportivi, li fil-ġimgħat li għaddew spikkaw bil-kbir kemm fl-Olimpjadi kif ukoll fl-Olimpjadi Paralimpiċi. Iktar minn hekk, lil hinn mill-kisbiet personali tal-atleti, kemm-il darba f'dawn il-kompetizzjonijiet jispikka l-ispirtu sportiv li jgħaqqad nies b'abbiltajiet differenti minn nazzjonijiet, kulturi, razez, orjentazzjoni u twemmin differenti.

Forsi dan l-aspett jispikka iktar fl-Olimpjadi Paralimpiċi, għalkemm sfortunatament, ħafna drabi l-Paralimpjadi ma jingħatawx l-importanza li jisthoqqilhom. Madankollu, l-atleti li jipparteċipaw għandhom ikunu sors ta' ispirazzjoni għal kulħadd. Il-kreattività u t-talenti ta' dawn l-atleti huma ezempji ċari ta' kif il-bniedem, barra li jkun kapaċi jdawwar diżabbiltà f'abbiltà, juri li l-isport jista' jkun mezz ta' kif titrawwem l-inklużjoni soċjali.

L-Unjoni Ewropea (UE) tagħti sehemha fil-kuntest paralimpiku billi tissapportja l-Kumitat Paralimpiku Ewropew (European Paralympic Committee) - kumitat li jiġbor fih madwar 49 kumitat nazzjonali paralimpiku, inkluż dak Malti u kif ukoll ta' pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE.

Barra minn hekk, l-inklużjoni soċjali hi tema li tidher f'ħafna politiki tal-UE, fosthom fl-hekk imsejħa Strateġija Ewropea dwar id-Diżabbiltà, li ħarġet fl 2010, fejn barra mit-temi politiċi, l-inklużjoni testendi wkoll għall-isport innifsu. F'parti minnha, din l-istrateġija tgħid ċar u tond li nies b'diżabbiltà għandhom ikollhom "id-dritt għall-moviment ħieles, id-dritt li jagħżlu fejn u kif jgħixu, u li jkollhom aċċess sħiħ






għal attivitajiet kulturali, rikreattivi, u sportivi". Dan id-dritt però għandu jissaħħaħ billi tittejjeb l-aċċessibbiltà għall-isport u kif ukoll li tiġi promossa l-parteċipazzjoni f'avvenimenti sportivi. Mingħajr parteċipazzjoni, dan l-għan ma jkunx komplet u mingħajr aċċessibbiltà, ma jkunx possibbli. Fil-fatt, fil-'Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE tat-18 ta' Novembru 2010 dwar ir-rwol tal-Isport bħala sors u mutur tal-Inklużjoni soċjali attiva, jingħad li għandha ssir promozzjoni tal-"azzjonijiet relatati mal-inklużjoni soċjali fl-isport u permezz tal-isport tal-persuni b'diżabbiltà, inklużi infrastruttura mtejba u aċċessibiltà aħjar tal-faċilitajiet u l-postijiet fejn isir l-isport, kif ukoll ir-riċerka relatata mal-apparat speċjalizzat tal-isport, u jagħtu prijorità lill-isport".

Minbarra l-benefiċċji fiżiċi u mentali li jista' jkollha kull tip ta' parteċipazzjoni sportiva, dan is-sehem jista' jservi ħafna fil-kuntest tal-inklużjoni soċjali. Kif rajna lejn il-bidu ta' dan l-artiklu, il-Paralimpjadi juru biċ-ċar li kulħadd jista' jgawdi mill-ferħ li ġġib magħha l-attività sportiva u s-sens ta' għaqda li wieħed iħoss. Forsi din il-mentalità hi riflessa l-aktar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ikkwotati qabel, fejn jingħad li l-Kunsill Jagħraf "l-Importanza li l-persuni b'diżabbiltà jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor f'attivitajiet rikreattivi, ta' ħin liberu u tal-isport".

Dawn il-kliem però jridu jkunu msaħħin bl-għajnuna li twassal għal fatti u realtajiet ta' min jibni fuqhom. Fil-fatt, l-istess mentalità tiġi applikata f'inizjattivi u miri ta' ħafna opportunitajiet ta' fondi maħruġa mill-UE. Nistgħu nieħdu l-Fond Soċjali Ewropew (European Social Fund) bħala eżempju tajjeb, fejn għall-maġġoranza tal-proġetti finanzjati mill-UE, ikunu f'liema qasam ikunu, l-inklużjoni soċjali hi waħda mill-kundizzjonijiet sabiex jiġu allokati l-fondi. Minbarra l-inklużjoni soċjali fejn tidħol id-diżabbiltà, il-kundizzjonijiet imorru lil hinn u saħansitra jesiġu l-parteċipazzjoni bħala mezz kif tikkumbatti r-razziżmu u x-xenofobija.

B'dawn l-elementi, l-isport isir tassew żvog li ħafna drabi jmur lil hinn minn sempliċiment attività fiżika. L-isport jista' joħloq ambjent fejn il-ferħ kollettiv jgħaqqad ġnus differenti flimkien. L-atleti paralimpiċi juru lil kulħadd li bid-dedikazzjoni u l-kreattività, id-diżabbiltà esterjuri ma tillimitax, anzi ssaħħaħ it-talent, il-perserveranza u l-għaqda.

## Kampjonat 1961-62

# Rekord minn Floriana bir-rebħ tal-Kampjonat b'punti massimi

minn **Tonio Farrugia**

**L-Erbatax-il Ġurnata**

**09-05-1962:**
**Sliema Wdrs. FC – Birkirkara FC 6-1**
**H.T 3-0**
**Ref: Joseph Agius**
**Skurjaw: J. Bonnett (S) 16', S. Nicholl (S) 21' u 33', J. Cini (S) 65', Ġ. Muscat (S) 69', J. Cini (S) 78' u L. Tonna (B) 89'**

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Norman Scott, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Joe Aquilina, Ġulinu Muscat, Joe Cini, John Bonnett, Sammy Nicholl, Silvio Debattista.

**Birkirkara FC:** Alfred Abela (Patist Grech 46'), Carmelo Micallef, Pawlu Barbara, Leli Pace, George Dalli, Lino Micallef, Lino Sciberras, Peter Fitzgerald, Louis Bugeja, Tony Tonna, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef.

1. Din kienet it-tielet partita li kienet qed tintlagħab l-Erbgħa fost il-ġimgħa fejn għal darb'oħra folla miżera kienet preżenti għall-konfront tant li skond ir-rapport fil-ġurnal 'Il-Berqa' għall-partita kien hemm preżenti aktar Pulizija u Kavallerija milli spettaturi.

2. Birkirkara sofrew telfa oħra b'sitt goals f'temp ta' tlitt ijiem wara li kienu tilfu 6-3 ma' Ħamrun Spartans fl-aħħar ħarġa, il-Ħadd ta' qabel.

3. Sliema Wanderers kellhom lura fit-team lil Ġulinu Muscat u Sammy Nicholl iżda kellhom nieqes lil Robbie Buttigieg minħabba li kien impenjat f'partita mal-Air Force.

4. Skond il-ġurnal 'Il-Berqa' l-aħħar goal ta' Birkirkara ġie skurjat minn Pawlu Barbara.

5. Kwarta mit-tmiem Sliema Wanderers spiċċaw jilagħbu b'għaxar players meta l-player tagħhom John Bonnett kellu jħalli l-ground imweġġa'.

**13-05-1962:**
**St. George's FC – St. Patrick FC 3-1**
**H.T 2-0** **Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: N. Mizzi (St. Geo.) 25', F. Delia (St. Geo.) pen 36', George Camilleri (St. Pat.) 55', u F. Delia (St. Geo.) 76'.**

**St. George's FC:** Albert Borg, Leonard Mizzi, Joe Brincat, Freddie Delia, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Peppi Delceppo, Freddie Demanuele, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Joe Mizzi, Wally Hili.

**St. Patrick FC:** Joe Tanti (Wenzu 'Iċ-Ċappa' Scicluna 30'), Joseph Cassar, E. Cassar, Joe Drago, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Joe Degiorgio, Victor Brincat, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, George Camilleri, Toninu 'Landolina' Camenzuli, Pace (Freddie 'Il-Kis' Abela 46').

1. St. Patrick sfaw relegati għat-Tieni Diviżjoni. F'dan il-konfront dirett huma kellhom bżonn rebħa sabiex isalvaw huma u jikkundannaw lil St. George's FC għat-Tieni Diviżjoni. Draw kien biżżejjed għal St. George's biex iżommu posthom mal-kbar.

2. Sa minuta wara li fetħu l-iskor minn Nenu Mizzi, St. George's kienu laqtu l-lasta darbtejn minn Joe Mizzi u Wally Hili.

3. St. George's kienu diġà fetħu l-iskor fit-12-il minuta minn minn Leli Stivala bil-goal jitħassar għal offside. Kien hemm protesti ħorox min-naħa ta' Bormla minħabba li Stivala kellu diversi players ta' St. Patrick quddiemu meta skorja, iżda r-referee sostna li kien hemm żewġ players oħra ta' St. George's li kienu f' pożizzjoni ta' offside.

4. St. Patrick spiċċaw jilagħbu l-partita b'għaxar players meta fuq ordni tal-kumitat, Wistin Barbara ġie msejjaħ biex joħroġ mill-ground f'ħin meta St. Patrick kienu diġà għamlu ż-żewġ sostituzzjonijiet tagħhom.

5. Waħda mis-sostituzzjonijiet tas-St. Patrick kienet tal-goalkeeper Joe Tanti li kellu jħalli l-ground imweġġa' wara nofs siegħa logħob wara li ħareġ f'saqajh Leli Stivala.

6. St. Patrick kienu kostretti jsejħu żewġ żagħżagħ għal-logħob – E. Cassar u Joe Drago – fl-aħħar mumenti wara li l-players regolari Joe Bugeja u Jimmy Casha ma marrux għal din il-partita deċiżiva. Joe Bugeja kien qed isegwi l-partita fl-Enclosure u xorta rrifjuta li jilgħab meta beda jsejjaħlu l-President tal-club, Dr. J. Muscat.

7. Din kienet l-aħħar partita għal Joe Mizzi ma' St. George's minħabba li huwa kellu jemigra lejn il-Kanada flimkien mal-familja, fis-27 ta' Mejju 1962. B'ko-inċidenza Joe Mizzi kien iddebutta kontra St. Patrick meta dak in-nhar kien għadu m'għalaqx is-16-il sena. Proprjament l-aħħar partita ta' Joe Mizzi ma' St. George's kienet fit-Trophy meta emigra fejn kienu għelbu lil Sliema Wanderers 3-0 fejn Mizzi kien ingħata l-faxxa ta' captain u fi tmiem il-partita kien intrefa' fuq l-ispallejn u daru bih mal-ground.

**16-05-1962:**
**Hibernians FC – Ħamrun Sp. FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Joseph Agius**
**Skurjaw: J. Mizzi (Hibs) 77' u F. Church (Hibs) 89'.**

**Hibernians FC:** Lolly Rizzo, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Andrew Ellul, Louis Theobald, Leli 'L-Ghawdxi' Attard, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Fredu Church, Victor Grima, Jimmy Mizzi, Leli Sultana, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri (Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci 60').

**Ħamrun Sp. FC:** Jimmy Gatt, Johnnie Fondacaro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Martin Attard, Silvio Micallef, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, Carmelo 'In-Nene' Grech (John 'Il-Bipu' Mifsud 69'), George Cuschieri, Gejtu Briffa.

1. Din kienet ir-raba' u l-aħħar partita mill-Kampjonat li ntlagħbet l-Erbgħa fost il-ġimgħa fejn bħas-soltu l-attendenza kienet waħda fqira.

2. B'żewġ goals lejn tmiem il-partita Hibernians kisbu r-rebħa li riedu biex spiċċaw fir-raba' post tal-klassifika u



Pullu Demanuele jirċievi t-Tazza Johnnie Walker tar-rebħ tal-Kamponat 1961-62

aċċertaw posthom fil-kompetizzjoni tal-Cassar Cup. Il-partita kienet waħda nteressanti u missielta minħabba li b'rebħa l-Ispartans kienu jaqbżu lill-istess Hibernians fir-raba' post.

3. Jimmy Mizzi, li fetaħ l-iskor għal Hibernians, kien qed jirritorna fit-team wara nuqqas ta' tliet xhur. Huwa kien lagħab l-aħħar magħhom, fil-11 ta' Frar, 1962, fit-telfa ta' 3-1 kontra Birkirkara.

4. Hibernians kienu qed jilagħbu mingħajr Ċikku Xuereb u l-goalkeeper Freddie Mizzi. Xuereb kien weġġa' erbat ijiem qabel fil-partita tat-Trophy kontra Floriana.

**20-05-1962: Floriana FC – Valletta FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Tommy A. Restall**
**Skurjaw: T. Sultana (F) 18' u B. Dalli (F) 56' u 59'.**

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Lolly Borg, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Walter Bone, Johnnie Darmanin, Charlie Williams, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Freddie 'Il-Waniż' Borg, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Nenu Chircop, Frankie Zammit, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

1. B'din ir-rebħa Floriana FC saru champions tal-Kampjonat Malti, 1961-62, b'punti massimi. Minkejja li ma tilfu l-ebda punt huma xorta kellhom jistennew sal-aħħar ġurnata qabel ma ċċelebraw ir-rebħ tal-kampjonat minħabba li Valletta FC kienu tilfu biss ż-żewġ punti kontra l-istess Floriana fl-ewwel round.

2. Ġimgħa qabel din il-partita Floriana li kienu għadhom b'punti massimi fil-kampjonat, kienu sfaw megħluba 3-2 minn Hibernians fil-kwarti-finali tal-FA Trophy.

3. Ir-referee Tommy Restall kien qed jikkontrolla l-ewwel partita tiegħu fl-Ewwel Diviżjoni f'konfront daqshekk jaħraq u mportanti. Illum il-ġurnata affarijiet hekk ma jistgħux jiġru iżda f'dak iż-żmien ma kinitx xi ħaġa rari. Ir-referee Frans Grech kien għamel id-debutt tiegħu fil-finali tal-Cassar Cup, 1961, li fiha Floriana kienu għelbu lil Sliema 6-0 filwaqt li r-referee John Galea għamel id-debutt tiegħu fil-finali tax-Scicluna Cup.

4. Għal dan il-konfront importanti Valletta kellhom lura bejn il-lasti lill-goalkeeper Irlandiż Tommy Taylor li ftit granet qabel kien irċieva l-clearance mingħand Waterford biex jilgħab. Taylor kien diġà lagħab fi friendly ma' Valletta kontra l-RAF (4-1) fost il-ġimgħa. Huwa kien għadu qatt ma tilef konfront kontra Floriana. Taylor kien ħa postu bejn il-lasti minflok il-farmaċista Bertu Zarb Cousin (l-uniku gradwat fl-Ewwel Diviżjoni) li kien l-uniku goalkeeper f'dak il-kampjonat li kien għadu ma falliex partita.

5. Player ieħor li kien qed ifalli l-ewwel logħba tal-istaġun għal Valletta kien id-difensur Joe Cilia li kien daħal mar-Royal Air Force f'dik l-istess ġimgħa u ma ngħatax permess jilgħab. Fil-fatt din kienet l-ewwel logħba tal-kampjonat li falla Cilia minn meta sieħeb lil Valletta fl-1956-57. Minflok Cilia kien lagħab Pawlu Carbonaro.

6. Valletta kellhom nieqes ukoll lil Dwinu Schembri li kien għadu ma fieqx mill-ksur tal-polz li kien sofra fit-tour li Valletta kienu għamlu fi Tripli f'nofs April.

7. Bl-iskor diġà 3-0, Valletta għamlu madwar sitt minuti jilagħbu b'għaxar players meta weġġa' l-player Josie Urpani u dam għal xi ħin jiddewwa mat-touchline.

8. Fi tmiem il-partita, l-president tal-MFA, Dr. Maurice Decesare, ippreżenta t-Tazza ta' champions lill-captain ta' Floriana, Pullu Demanuele.

## AĦBARIJIET

Fid-29 ta'April, 1962, Valleta FC għelbu lil Ħamrun Spartans 2-1 biex rebħu l-kampjonat tar-Reserves għat-tielet sena konsekuttiva. Il-bravura tal-Beltin tikber fid-dimensjonijiet tagħha meta wieħed jinnota li fil-kampjonat ta' qabel Valletta kienu bdew bi draw ta' 2-2 kontra Sliema Wdrs u rebħu t-13-il partita l-oħra tal-kampjonat filwaqt li f'dan l-istaġun rebħu l-14-il partita kollha biex spiċċaw b'punti massimi u tellgħu t-total għal 27 rebħa konsekuttiva. B'kollox huma kienu ilhom 40 partita bla telfa.

Il-Ġimgħa, 4 ta' Mejju, 1962, ir-referee Turu Lentini ħalla Malta fejn jumejn wara kkontrolla l-partita bejn Italia Serie C u r-Repubblika Irlandiża li ġiet mirbuħa mit-Taljani 6-0. Lentini kien sar l-ewwel referee Malti li kkontrolla partita barra minn Malta.

Fis-6 ta' Mejju, 1962, fix-Schreiber Valletta rebħu l-Kampjonat tal-Under 21 meta f'partita deċiżiva huma għelbu lil St. George's 1-0 b'goal ta' George Portelli. Fi tmiem il-partita nqala' diversi nkwiet u ġlied fejn kellha tidħol il-Pulizija fil-ground biex tikkalma sitwazzjoni taħraq.

Fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA, tas-17 ta' Mejju, 1962, Ħamrun Spartans ġew dikjarati champions tal-Minor League meta Valletta tilfu l-punti ta' żewġ protesti mressqa mill-istess Ħamrun Spartans u Floriana wara li nstab li Valletta kienu għamlu użu minn player li kien qabeż l-età. B'dawn il-protesti Ħamrun Spartans telgħu bi 12-il punt filwaqt li Valletta niżlu bi tmien punti.

F'partita mill-kampjonat tal-Under 21 bejn Hibernians u Sliema Wanderers li ntlagħbet fis-26 ta' Mejju, 1962, Hibernians kellhom formazzjoni ta' emerġenza fejn lagħbu lil Victor Grech bejn il-lasti u lill-goalkeeper regolari Freddie Mizzi fil-pożizzjoni insolita ta' centre forward. Hibernians rebħu l-partita 3-2 bit-tliet goals tagħhom jaslu minn .... Freddie Mizzi. Sliema kienu pprotestaw għax Hibernians kienu waslu għal-logħob 15-il minuta tard iżda l-protest tagħhom ma ġiex milqugħ.

Wara t-tluq taż-żagħżugħ Joe Mizzi ta' St. George's lejn il-Kanada, fis-27 ta' Mejju, 1962, kien imiss lil Twanny Cassar 'Il-Ginger' u lil Ġużi Dimech 'Ir-Rumba', it-tnejn ta' Ħamrun Spartans, li jemigraw lejn l-Awstralja taħt il-Government Emigration Scheme. Iż-żewġ players kienu rrifjutaw milli jġeddu l-kuntratt mal-Armata fejn kienu ser jingħataw xogħol barra l-pajjiż. Player ieħor Freddie Borg, Il-Waniż', ta' Valletta FC kien ser jemigra lejn l-Ingilterra fejn hemmhekk kien hemm diversi qraba tiegħu.




EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru, 2016

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 113



Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 113 huwa:
**J. Pisani - Qawra**



# Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 113

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | A | L | Z | A | R | A | V | I | C | I | U | T | E |
| I | | U | | L | | L | | A | | R | | I | |
| R | I | C | K | A | R | D | | Q | | I | H | A | B |
| K | | E | | D | | E | G | U | I | N | O | | O |
| I | S | N | E | R | | R | | I | | A | D | A | M |
| R | | K | | E | D | W | I | N | | | D | | B |
| K | E | O | W | N | | E | | T | O | L | L | | E |
| A | | V | A | | T | I | N | A | | Y | E | A | R |
| R | E | A | L | | | R | | | L | D | | L | |
| A | | | K | A | L | E | N | T | Y | E | V | A | |
| | L | | E | | | L | | R | U | N | | N | A |
| P | E | D | R | O | | D | O | I | | | N | | R |
| I | | U | | N | | | A | | I | | N | A | N |
| A | R | R | U | A | B | A | R | R | E | N | A | | E |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru 2016:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarga nru 113:
**A. Agius - Sliema**

**MIMDUDIN**

1) Ikkonfermat bil-kbir bħala Viċi President tal-MFA (5,6)
8) Tyler, player professjonali tas-Snooker minn Wales (4)
9) Bezzina, ipparteċipat fil-Women's 10m Air Pistol f'Rio 2016 (7)
10) Budarova, ex-tennista professjonali miċ-Ċekoslovakkja (3)
11) "...'s Sports Bar", klabb tal-Malta Pool Association (3)
12) Moritz, right-back ta' TSV 1860 München (4)
13) Kategorija 'mingħajr tmunier' fil-Qdif Olimpiku (7)
16) Gallego, ex-midfielder ċentrali tal-Arġentina bi 73 partita (7)
17) Pieter, għawwiem Belġjan tal-100m freestyle f'Rio 2016 (7)
19) Bacary, right-back ta' Manchester City (5)
22) Mojtaba, fencer Iranjan, semi-finalist f'Rio 2016 (7)
23) Chris, ċiklist Ingliż-Skoċċiż 'mimli deheb' (3)
24) Antti, ex-goalkeeper ta' Portsmouth u l-Finlandja (5)
25) Geoff, l-uniku skorer ta' hat-trick f'finali tal-Fifa WC (5)
27) "El Pibe de ...", min aktar? (3)
28) Majlinda rebħet l-ewwel midalja tad-deheb għal Kosovo (8)
30) Cherniak, judoka Olimpika mill-Ukrajna (6)
32) Ato, Kaz u ..., il-mascots tal-Fifa WC 2002 (3)
33) Agius, difensur ċentrali internazzjonali Malti (6)

**WEQFIN**

1) Andrew, flag-bearer tal-kontinġent Malti f'Rio 2016 (8)
2) "Oltedo de ....", żiemel Franċiż ta' 14-il sena (5)
3) Ceccherini, midalja tal-fidda fil-Fencing fl-Olimpjadi 1908 (5)
4) Andreas, 63 partita u 11-il goal għall-Awstrija (5)
5) Masashi, judoka Ġappuniż bil-midalja tal-Bronż f'Rio 2016 (7)
6) Il-lasti l-mimduda għat-Taljani (8)
7) Helene rebħet il-Euro Junior Championships tat-Tennis (9)
14) David, left-back ta' FC Viktoria Plzen (9)
15) Kulish, midalja tal-fidda fil-Men's 10m Air Rifle, f'Rio 2016 (6)
18) Philip, midalja tad-deheb fis-Cycling Team f'Rio 2016 (6)
19) Clayton, atleta Malti fil-Pole Vault (7)
20) Thomas Bonello ...., atleta Malti fl-Ibburdjar (4)
21) Nicola, referee tas-Serie 'A' (7)
22) Mayra, judoka Brażiljana, f'Rio 2016 (6)
26) Arthur, ex-ċiklist Olimpiku mill-Ġamajka (4)
29) Lee ...-Shan, ex windsurfer Olimpiku minn Hong Kong (3)
31) Olympic Record (1,1)

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt